Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2023/0447(COD)

10.2.2025

EMENDI
539 - 884

Abbozz ta' rapport
Veronika Vrecionová
(PE766.982v01-00)

Il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom

Proposta għal regolament
(COM(2023)0769 – C9-0443/2023 – 2023/0447(COD))

AM_Com_LegConsolidated

Emenda 539
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji jqiegħdu fis-suq ***jew ifornu l-klieb*** jew il-qtates għall-finijiet li dawn jinżammu bħala annimali tad-dar, dawn għandhom jipprovdu lill-akkwirent tal-annimal tad-dar l-informazzjoni meħtieġa biex ikun jista' jiżgura l-benesseri tal-annimal, inkluża informazzjoni dwar sjieda responsabbli.	1. Meta l-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji jqiegħdu fis-suq ***il-klieb*** jew il-qtates għall-finijiet li dawn jinżammu bħala annimali tad-dar, dawn għandhom jipprovdu lill-akkwirent tal-annimal tad-dar ***f'forma bil-miktub*** l-informazzjoni ***kollha*** meħtieġa biex ikun jista' jiżgura l-benesseri ***ottimali*** tal-annimal, inkluża informazzjoni dwar sjieda responsabbli ***u dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-kelb jew tal-qattus f'termini ta' tmigħ, kura, saħħa, abitazzjoni u ħtiġijiet relatati mal-imġiba, kif ukoll informazzjoni dwar is-saħħa tiegħu, inkluż l-istatus tat-tilqim tiegħu***.

Or. en

Emenda 540
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji jqiegħdu fis-suq jew ifornu l-klieb jew il-qtates għall-finijiet li dawn jinżammu bħala annimali tad-dar, dawn għandhom jipprovdu lill-akkwirent tal-annimal tad-dar l-informazzjoni meħtieġa biex ikun jista' jiżgura l-benesseri tal-annimal, inkluża informazzjoni dwar sjieda responsabbli.	1. Meta l-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji jqiegħdu fis-suq jew ifornu l-klieb jew il-qtates għall-finijiet li dawn jinżammu bħala annimali tad-dar, dawn għandhom jipprovdu lill-akkwirent tal-annimal tad-dar l-informazzjoni meħtieġa biex ikun jista' jiżgura l-benesseri tal-annimal, inkluża informazzjoni dwar sjieda responsabbli***, l-istatus u d-dmirijiet tat-tilqim, kwalunkwe problema tas-saħħa u sensittivitajiet għall-mediċini***.

Or. en

Emenda 541
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Ir-reklamar għall-promozzjoni tax-xiri ta' klieb jew qtates għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 542
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta ***l-forniment tal-klieb u l-qtates jiġi rreklamat permezz ta' mezzi*** online, il-lista għandha turi, b'karattri viżibbli b'mod ċar u b'tipa grassa, it-twissija li ġejja:	2. Meta ***tiġi ppubblikata fuq pjattaformi tax-xiri*** online, il-lista ***dwar il-klieb jew il-qtates*** għandha turi, b'karattri viżibbli b'mod ċar u b'tipa grassa, ***li mill-inqas għandhom ikunu ta' daqs ugwali għal dak tal-akbar karattri użati fil-lista, mill-inqas*** it-twissija li ġejja:

Or. en

Emenda 543
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-forniment tal-klieb u l-qtates jiġi rreklamat permezz ta' mezzi online, il-	2. Meta l-forniment tal-klieb u qtates jiġi rreklamat***; inkluż*** permezz ta' mezzi

lista għandha turi, b'karattri viżibbli b'mod ċar u b'tipa grassa, it-twissija li ġejja:	online, il-lista għandha turi, b'karattri viżibbli b'mod ċar u b'tipa grassa, it-twissija li ġejja:

Or. en

Emenda 544
Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom
Kapitolu II – Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Annimal mhuwiex ġugarell. Ix-xiri jew l-adozzjoni ta' annimal hija deċiżjoni li tibdel il-ħajja. Bħala sid ta' annimal, inti obbligat tiżgura li l-ħtiġijiet kollha għas-saħħa u l-benesseri tiegħu jiġu ssodisfati f'kull ħin.	Annimal mhuwiex ġugarell. Ix-xiri jew l-adozzjoni ta' annimal hija deċiżjoni li tibdel il-ħajja ***u tinvolvi aktar spejjeż***. Bħala sid ta' annimal, inti obbligat tiżgura li l-ħtiġijiet kollha għas-saħħa u l-benesseri tiegħu jiġu ssodisfati f'kull ħin. ***L-operaturi rikonoxxuti uffiċjalment biss huma awtorizzati biex ipoġġu fis-suq jew biex ibigħu l-annimali, għaliex huma f'pożizzjoni li jiggarantixxu s-saħħa u l-benessri tagħhom. Kull sors ieħor jitqies bħala illegali u jekk wieħed jirrikorri għandhom ikun kompliċi fit-traffikar. L-annimali li jitpoġġew fis-suq minn dawk is-sorsi jistgħu jġorru mard jew problemi oħrajn tas-saħħa.*** ***B'mod konformi mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-pajjiż ta' residenza tiegħek, kull abbandun jista' jiġi ppenalizzat.***

Or. fr

Emenda 545
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Regolament dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Annimal mhuwiex ġugarell. Ix-xiri jew l-adozzjoni ta' annimal hija deċiżjoni li tibdel il-ħajja. Bħala sid ta' annimal, inti ***obbligat*** tiżgura li l-ħtiġijiet kollha għas-saħħa u l-benesseri tiegħu jiġu ssodisfati f'kull ħin.	Annimal mhuwiex ġugarelli***, huwa kreatura li tħoss bi ħtiġijiet speċifiċi***. Ix-xiri jew l-adozzjoni ta' annimal hija deċiżjoni li tibdel il-ħajja. Bħala sid tal-annimali, int ***responsabbli li tieħu ħsiebu kif xieraq u li*** tiżgura li l-ħtiġijiet kollha għas-saħħa u l-benesseri tiegħu jiġu ssodisfati f'kull ħin. ***Li tieħu ħsieb annimal se jġib miegħu spejjeż finanzjarji sostanzjali, għall-ikel, għall-kura veterinarja u għall-kenn. Jekk jogħġbok qis bir-reqqa d-deċiżjoni li tixtri dan l-annimal. Huwa pprojbit li tabbanduna l-annimal ladarba jkun fil-kura tiegħek.***

Or. en

Emenda 546
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2
Regolament COM(2023)0769
Artikolu 8 – Paragrafu 2 – it-tieni parti

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Annimal mhuwiex ġugarell. Ix-xiri jew l-adozzjoni ta' annimal hija deċiżjoni li tibdel il-ħajja. Bħala sid ta' annimal, inti obbligat tiżgura li l-ħtiġijiet kollha għas-saħħa u l-benesseri tiegħu jiġu ssodisfati f'kull ħin.	Annimal mhuwiex ġugarell. Ix-xiri jew l-adozzjoni ta' annimal hija deċiżjoni li tibdel il-ħajja. Bħala sid ta' annimal, inti obbligat tiżgura li l-ħtiġijiet kollha għas-saħħa u l-benesseri tiegħu jiġu ssodisfati f'kull ħin ***u li jiġi pprevenut li dan jiġi abbandunat***.

Or. en

Emenda 547
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2
Regolament dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom
Artikolu 8 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-lista għandu jkun fiha in-numru tat-transponder tal-kelb jew tal-qattus. Qabel il-pubblikazzjoni, l-operatur tal-pjattaforma online għandu jivverifika l-lista, in-numru tat-transponder u l-affidabbiltà ta' min jirreklama.

Or. en

Emenda 548
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2
Regolament dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom
Artikolu 8 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għandu jkun ipprojbit li l-annimali jinbiegħu lill-minorenni.

Or. en

Emenda 549
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2
Regolament dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom
Artikolu 8 – paragrafu 2c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex jiġi evitat xiri impulsiv, il-pagamenti parzjali għandhom ikunu pprojbiti.

Or. en

Emenda 550
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dawk li jieħdu ħsieb l-annimali għandu jkollhom il-kompetenzi li ġejjin fir-rigward tal-klieb u l-qtates li jkunu qed jimmaniġġaw:	1. Dawk li jieħdu ħsieb l-annimali***, bl-eċċezzjoni ta' voluntiera fis-santwarji, interns taħt superviżjoni u ħaddiema part-time taħt superviżjoni*** għandu jkollhom il-kompetenzi li ġejjin fir-rigward tal-klieb u l-qtates li jkunu qed jimmaniġġaw:

Or. en

Emenda 551
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fehim tal-imġiba bijoloġika tagħhom u tal-ħtiġijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi tagħhom;	(a) il-fehim ***sħiħ*** tal-imġiba bijoloġika tagħhom u tal-ħtiġijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi tagħhom;

Or. en

Emenda 552
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fehim tal-imġiba bijoloġika tagħhom u tal-ħtiġijiet fiżjoloġiċi ***u***	(a) il-fehim tal-imġiba bijoloġika tagħhom u tal-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom;

etoloġiċi tagħhom;

Or. en

Emenda 553
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kapaċità li jirrikonoxxu l-espressjonijiet tagħhom inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija u li jidentifikaw ***il-miżuri*** xierqa ta' mitigazzjoni li għandhom jittieħdu f'każijiet bħal dawn;	(b) il-kapaċità li jirrikonoxxu l-espressjonijiet tagħhom inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija u li jidentifikaw ***u jieħdu l-miżuri*** xierqa ta' mitigazzjoni li għandhom jittieħdu f'każijiet bħal dawn;

Or. en

Emenda 554
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kapaċità li jirrikonoxxu l-espressjonijiet tagħhom inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija u li jidentifikaw ***il-miżuri*** xierqa ta' mitigazzjoni ***li għandhom jittieħdu*** f'każijiet bħal dawn;	(b) il-kapaċità li jirrikonoxxu l-espressjonijiet tagħhom inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija u li jidentifikaw ***u jieħdu l-miżuri*** xierqa ta' mitigazzjoni f'każijiet bħal dawn;

Or. en

Emenda 555
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kapaċità li jirrikonoxxu l-espressjonijiet tagħhom inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija u li jidentifikaw ***il-miżuri*** xierqa ta' mitigazzjoni ***li għandhom jittieħdu*** f'każijiet bħal dawn;	(b) il-kapaċità li jirrikonoxxu l-espressjonijiet tagħhom inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija u li jidentifikaw ***u jieħdu l-miżuri*** xierqa ta' mitigazzjoni f'każijiet bħal dawn;

Or. en

Emenda 556
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kapaċità li japplikaw prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-annimali, li jużaw u jieħdu ħsieb it-tagħmir użat għall-ispeċi indukrati minnhom u li jimminimizzaw kwalunkwe riskju għall-benesseri tal-annimali;	(c) il-kapaċità li japplikaw prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-annimali, li jużaw u jieħdu ħsieb it-tagħmir użat għall-ispeċi indukrati minnhom u li jimminimizzaw ***u jipprevjenu*** kwalunkwe riskju għall-benesseri tal-annimali;

Or. en

Emenda 557
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kapaċità li japplikaw prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-annimali, li jużaw u jieħdu ħsieb it-tagħmir użat għall-ispeċi indukrati minnhom u li jimminimizzaw kwalunkwe riskju għall-benesseri tal-annimali;	(c) il-kapaċità li japplikaw prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-annimali, li jużaw u jieħdu ħsieb it-tagħmir użat għall-ispeċi indukrati minnhom u li ***jipprevjenu u*** jimminimizzaw kwalunkwe riskju għall-benesseri tal-annimali;

Or. en

Emenda 558
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kapaċità li japplikaw prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-annimali, li jużaw u jieħdu ħsieb it-tagħmir użat għall-ispeċi indukrati minnhom u li ***jimminimizzaw*** kwalunkwe riskju għall-benesseri tal-annimali;	(c) il-kapaċità li japplikaw prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-annimali, li jużaw u jieħdu ħsieb it-tagħmir użat għall-ispeċi indukrati minnhom u li ***jipprevjenu*** kwalunkwe riskju għall-benesseri tal-annimali;

Or. en

Emenda 559
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kapaċità li japplikaw prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-annimali, li jużaw u jieħdu ħsieb it-tagħmir użat għall-ispeċi indukrati minnhom u li ***jimminimizzaw*** kwalunkwe riskju għall-benesseri tal-annimali;	(c) il-kapaċità li japplikaw prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-annimali, li jużaw u jieħdu ħsieb it-tagħmir użat għall-ispeċi indukrati minnhom u li ***jipprevjenu*** kwalunkwe riskju għall-benesseri tal-annimali;

Or. en

Emenda 560
Carlo Fidanza, Michele Picaro

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompetenzi msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkisbu permezz tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew tal-esperjenza	2. Il-kompetenzi msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkisbu permezz tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew tal-esperjenza

professjonali. L-edukazzjoni, it-taħriġ jew l-esperjenza professjonali għandhom jiġu ddokumentati.	professjonali. L-edukazzjoni, it-taħriġ jew l-esperjenza professjonali għandhom jiġu ddokumentati. ***Dawn il-kompetenzi bażiċi jridu jiġu estiżi wkoll għall-persuni kollha, inklużi l-voluntiera li jaħdmu mal-annimali fil-faċilitajiet u fis-santwarji.***

Or. it

Emenda 561
Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompetenzi msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkisbu permezz tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew tal-esperjenza professjonali. L-edukazzjoni, it-taħriġ jew l-esperjenza professjonali għandhom jiġu ddokumentati.	2. Il-kompetenzi msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkisbu permezz tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew tal-esperjenza professjonali. L-edukazzjoni, it-taħriġ jew l-esperjenza professjonali għandhom jiġu ddokumentati ***bil-kisba ta' ċertifikat jew attestazzjoni tal-għarfien maħruġa minn korp nazzjonali awtorizzat***.

Or. fr

Emenda 562
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) It-trainees u l-voluntiera fl-istabbilimenti jeħtiġilhom ikunu mħarrġa kif xieraq fi żmien l-ewwel 10 ijiem ta' xogħol wara li jibdew ix-xogħol biex b'hekk ikunu jistgħu jakkwistaw il-ħiliet imsemmija fil-paragrafu (1).

Or. ro

Emenda 563
Alexander Bernhuber, Stefan Köhler, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi rekwiżiti minimi dwar il-kontenut tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew tal-esperjenza professjonali msemmija fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.	***imħassar***

Or. en

Emenda 564
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni ***tista'***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi rekwiżiti minimi dwar il-kontenut tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew tal-esperjenza professjonali msemmija fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.	3. ***Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ],*** il-Kummissjoni ***għandha***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi rekwiżiti minimi dwar il-kontenut tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew tal-esperjenza professjonali msemmija fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 565

Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni ***tista'***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi rekwiżiti minimi dwar il-kontenut tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew tal-esperjenza professjonali msemmija fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.	3. ***Sa [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** il-Kummissjoni ***għandha***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi rekwiżiti minimi dwar il-kontenut tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew tal-esperjenza professjonali msemmija fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 566
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-impjegaturi responsabbli għall-kura, għat-tnissil, għat-trasport jew għall-għoti ta' kenn lill-klieb u lill-qtates għandhom jappoġġaw b'mod attiv lill-ħaddiema tagħhom billi jipprovdu opportunitajiet xierqa ta' taħriġ u edukazzjoni.

Or. en

Emenda 567
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Żjarat ***għall-benesseri*** tal-annimali	Żjarat ***għas-saħħa u l-benesseri*** tal-annimali

Or. en

Emenda 568
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Żjarat ***għall-benesseri*** tal-annimali	Żjarat ***għas-saħħa u l-benesseri*** tal-annimali

Or. en

Emenda 569
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli ***għas-santwarji*** għandhom:	1. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli ***għall-istabbilimenti, id-djar ta' fostering, il-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq u s-santwarji*** għandhom:

Or. en

Emenda 570
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw li l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas darba fis-sena, żjara minn veterinarju, bl-iskop li jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri biex jiġi indirizzat kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-annimali;	(a) jiżguraw li ***sa [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas darba fis-sena, żjara ***għal għarrieda*** minn veterinarju, bl-iskop li ***jidentifika u jivvaluta kwalunkwe riskju li jaffettwa l-benesseri tal-klieb u l-qtates, u*** jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri biex jiġi indirizzat kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-annimali***, u bl-iskop li jivvaluta l-konformità kontinwa mal-Artikolu 15 fir-rigward tal-prattiki li jikkawżaw l-uġigħ u b'mod partikolari l-prattiki tal-immaniġġar***;

Or. en

Emenda 571
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw li l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas darba fis-sena, żjara minn veterinarju, bl-iskop li jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri ***biex jiġi indirizzat kwalunkwe fattur ta' riskju*** għall-benesseri tal-annimali;	(a) jiżguraw li ***fl-ewwel sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew fl-ewwel sena wara li jkunu nnotifikaw stabbiliment ġdid,*** l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas darba fis-sena, żjara ***għal għarrieda*** minn veterinarju ***uffiċjali, ingaġġat mill-awtorità kompetenti***, bl-iskop li ***jidentifika u jivvaluta kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-klieb u l-qtates u*** jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri ***li jindirizzaw dawk ir-riskji*** għall-benesseri tal-annimali;

Or. en

Emenda 572
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw li l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas ***darba*** fis-sena, żjara minn veterinarju, bl-iskop li jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri biex jiġi indirizzat kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-annimali;	(a) jiżguraw li l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas ***darbtejn*** fis-sena, żjara ***għal għarrieda*** minn veterinarju ***indipendenti***, bl-iskop li jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli ***għall-istabbilimenti jew*** għas-santwarju dwar miżuri biex ***jiġi ottimizzat il-benesseri inkluża s-saħħa tal-annimali, biex*** jiġi indirizzat kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-annimali ***u jiġu spezzjonati ir-rekords imsemmija f'(a) dwar l-użu ta' azzjonijiet veterinarji u prodotti mediċi***;

Or. en

Emenda 573
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw li l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas darba fis-sena, żjara minn veterinarju, bl-iskop li jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri biex jiġi indirizzat kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-annimali;	(a) jiżguraw li l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas darba fis-sena, żjara minn veterinarju, bl-iskop li jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri biex jiġi indirizzat kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-annimali ***u biex jingħata segwitu għall-azzjonijiet li jkun ħa l-operatur b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li jkunu saru mill-veterinarju li jkun għamel iż-żjara***;

Or. en

Emenda 574
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw li l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas darba fis-sena, żjara minn veterinarju, bl-iskop li jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri biex ***jiġi indirizzat kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-annimali***;	(a) jiżguraw li l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas darba fis-sena, żjara minn veterinarju, bl-iskop li ***jidentifika u jivvaluta kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-klieb u l-qtates u*** jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri biex ***jiġu indirizzati dawk ir-riskji***;

Or. ro

Emenda 575
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw li l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu***, mill-inqas darba fis-sena, żjara minn veterinarju, bl-iskop li jagħti pariri lill-operatur*** jew ***lill-persuna*** fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri biex jiġi indirizzat kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-annimali;	(a) jiżguraw li l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu ***pariri veterinarji regolari għall-operatur*** jew ***għall-persuna*** fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri biex jiġi indirizzat kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-annimali;

Or. en

Emenda 576
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jirreġistraw is-sejbiet taż-żjara tal-veterinarju msemmija fil-punt (a) u l-azzjonijiet ta' segwitu tagħhom u jżommu dawk ir-rekords għal mill-inqas 6 snin, u jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba.	(b) jirreġistraw is-sejbiet taż-żjara tal-veterinarju msemmija fil-punt (a) u l-azzjonijiet ta' segwitu tagħhom u jżommu dawk ir-rekords għal mill-inqas 6 snin, u jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ***u għall-veterinarju li jkun għamel iż-żjara*** fuq talba.

Or. en

Emenda 577
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-veterinarji li jkunu wettqu żjara dwar il-benesseri u s-saħħa tal-annimali li tkun wasslet għal rakkomandazzjonijiet serji lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika li topera stabbiliment, dar ta' fostering, post fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq jew santwarju, għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti dwar is-sejbiet tagħhom u jwettqu segwitu billi jagħmlu żjara sussegwenti fi żmien xahrejn. Kwalunkwe użu eċċessiv evidenti jew abbuż ċar ta' prodotti veterinarji għandu jiġi rrapportat ukoll minnufih lill-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 578
Alexander Bernhuber, Stefan Köhler, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jissupplimentaw dan l-Artikolu biex tistabbilixxi kriterji minimi li għandhom jiġu vvalutati matul iż-żjarat tal-benesseri tal-annimali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 579
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jissupplimentaw dan l-Artikolu biex tistabbilixxi kriterji minimi li għandhom jiġu vvalutati matul iż-żjarat tal-benesseri tal-annimali.	2. ***Fi żmien [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ],*** il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jissupplimentaw dan l-Artikolu biex tistabbilixxi kriterji minimi li għandhom jiġu vvalutati matul iż-żjarat tal-benesseri ***u tas-saħħa*** tal-annimali***, inklużi r-rekwiżiti ta' taħriġ għall-veterinarji involuti***.

Or. en

Emenda 580
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-	2. ***Sa [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** il-

Artikolu 23 li jissupplimentaw dan l-Artikolu biex tistabbilixxi kriterji minimi li għandhom jiġu vvalutati matul iż-żjarat tal-benesseri tal-annimali.	Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jissupplimentaw dan l-Artikolu biex tistabbilixxi kriterji minimi li għandhom jiġu vvalutati matul iż-żjarat tal-benesseri tal-annimali***, inkluż dwar il-verifiki ta' segwitu***.

Or. en

Emenda 581
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jintemgħu ***f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness I*** u jistgħu***, abbażi tal-parir bil-miktub ta' veterinarju jew ta' espert dwar in-nutrizzjoni tal-annimali,*** jaġġustaw il-frekwenzi tat-tmigħ ***previsti fil-punt 1 tal-Anness I***.	1. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jintemgħu ***b'mod regolari*** u jistgħu jaġġustaw il-frekwenzi tat-tmigħ ***f'konformità mal-benesseri tal-annimali fid-diskrezzjoni tagħhom***.

Or. en

Emenda 582
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jintemgħu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness I u jistgħu, abbażi tal-parir bil-miktub ta' veterinarju jew ta' espert dwar in-nutrizzjoni tal-	1. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli ***għall-annimali tad-dar u/jew*** għas-santwarji***, id-djar ta' fostering u l-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq*** għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jintemgħu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-

annimali, jaġġustaw il-frekwenzi tat-tmigħ previsti fil-punt 1 tal-Anness I.	punt 1 tal-Anness I u jistgħu, abbażi tal-parir bil-miktub ta' veterinarju jew ta' espert dwar in-nutrizzjoni tal-annimali, jaġġustaw il-frekwenzi tat-tmigħ previsti fil-punt 1 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 583
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi ***u l-persuni*** fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jintemgħu u jiġu idratati b'mod adegwat billi jipprovdu:	2. L-operaturi***, il-persuni*** fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli ***għall-annimali taddar u/jew*** għas-santwarji***, għad-djar ta' fostering u għall-postijiet fejn jinżammu annimali li jgħixu fit-triq*** għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jintemgħu u jiġu idratati b'mod adegwat billi jipprovdu:

Or. en

Emenda 584
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ilma ***tajjeb għax-xorb***, ad libitum;	(a) ilma ***nadif u frisk***, ad libitum;

Or. en

Emenda 585
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ilma ***tajjeb għax-xorb***, ad libitum;	(a) ilma ***nadif u frisk***, ad libitum;

Or. en

Emenda 586
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikel fi kwantità u kwalità suffiċjenti biex jissodisfa l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi, nutrizzjonali u metaboliċi u s-sens ta' xaba tal-klieb u l-qtates, bħala parti minn dieta adattata għall-età, ir-razza, il-kategorija, il-livell ta' attività u l-istat tas-saħħa tal-klieb ***u*** tal-qtates;	(b) ikel fi kwantità u kwalità suffiċjenti biex jissodisfa l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi, nutrizzjonali u metaboliċi u s-sens ta' xaba tal-klieb u l-qtates, bħala parti minn dieta adattata għall-età, ir-razza, il-kategorija, il-livell ta' attività u l-istat tas-saħħa tal-klieb ***jew*** tal-qtates***, bl-objettiv ġenerali li jinkisbu u jinżammu kundizzjoni tajba tal-ġisem u saħħa ġenerali tajba***;

Or. en

Emenda 587
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikel ħieles minn sustanzi li jistgħu jikkawżaw tbatija;	***imħassar***

Or. en

Emenda 588
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikel ħieles minn sustanzi li jistgħu jikkawżaw tbatija;	(c) ikel ħieles minn sustanzi li jistgħu jikkawżaw tbatija ***jew li b'xi mod ieħor ikunu ta' detriment għall-benesseri tal-klieb jew tal-qtates***;

Or. en

Emenda 589
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ikel b'tali mod li jiġu evitati bidliet f'daqqa u tiġi żgurata sistema gastrointestinali li tiffunzjona tajjeb, b'mod partikolari matul il-fażi tal-ftim.	***imħassar***

Or. en

Emenda 590
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi u l-persuni ***fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom jiżguraw li l-faċilitajiet tal-ikel u tax-xorb jinbnew u jiġu installati b'mod li:	3. L-operaturi u l-persuni ***li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom jiżguraw li l-faċilitajiet tal-ikel u tax-xorb ***jinżammu nodfa u*** jinbnew u jiġu installati b'tali mod li:

Or. en

Emenda 591
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdu aċċess ugwali għall-klieb u l-qtates kollha***, u b'hekk jimminimizzaw il-kompetizzjoni bejniethom, jevitaw imġiba agonistika, b'mod partikolari fejn il-klieb u l-qtates ma jkollhomx aċċess ad libitum għall-ikel***;	(a) jipprovdu aċċess ugwali għall-klieb u l-qtates kollha;

Or. en

Emenda 592
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Fejn jingħataw parir bil-miktub minn veterinarju biex jagħmlu dan, l-operaturi jeħtiġilhom jaġġustaw ir-rekwiżiti tal-ikel u x-xorb. L-operaturi għandhom iżommu rekord tal-parir għat-tul kollu tiegħu kif rakkomandat mill-veterinarju.

Or. en

Emenda 593
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jimminimizzaw it-tixrid u*** jipprevjenu l-kontaminazzjoni tal-ikel u	(b) jipprevjenu l-kontaminazzjoni tal-ikel u tal-ilma b'sustanzi li jagħmlu l-

tal-ilma b'sustanzi li jagħmlu l-ħsara;	ħsara;

Or. en

Emenda 594
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati faċilment biex jiġi pprevenut il-mard.	(d) jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati ***b'mod regolari u*** faċilment biex jiġi pprevenut il-mard.

Or. en

Emenda 595
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'abitazzjoni f'konformità mal-punt 2 tal-Anness I.	***imħassar***

Or. en

Emenda 596
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'abitazzjoni	1. L-operaturi ***u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji, id-***

f'konformità mal-punt 2 tal-Anness I.

djar ta' fostering u l-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'abitazzjoni f'konformità mal-punt 2 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 597
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji huma esklużi mill-paragrafu (1);

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Diġà hemm dispożizzjonijiet nazzjonali fir-rigward tal-ispazju li għandu jiġi allokat għall-annimali fis-santwarji. Fin-nuqqas ta' fondi u infrastruttura apposta, rekwiżiti aktar stringenti jwasslu għall-ewtanażja tal-annimali eżistenti.

Emenda 598
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Iż-żamma jew il-bejgħ tal-klieb jew tal-qtates fi ħwienet tal-annimali tad-dar għandha tkun ipprojbita.

Or. en

Emenda 599

Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fejn l-annimali jinżammu fi stabbilimenti tat-tnissil ***jew fi ħwienet tal-annimali tad-dar***, ***iċ-ċirkolazzjoni*** tal-arja, il-livelli tat-trab, it-temperatura, l-umdità relattiva tal-arja u l-konċentrazzjonijiet tal-gass jinżammu f'limiti li ma humiex ta' ħsara għall-klieb ***u*** għall-qtates u li l-ventilazzjoni hija suffiċjenti biex tiġi evitata sħana żejda u, fejn meħtieġ, flimkien mas-sistemi tat-tisħin, biex titneħħa l-indewwa eċċessiva;	(c) fejn l-annimali jinżammu fi stabbilimenti tat-tnissil***, tar-riċerka jew tal-bejgħ***, ***il-kwalità u ċ-ċirkolazzjoni*** tal-arja, il-livelli tat-trab, it-temperatura, l-umdità relattiva tal-arja u l-konċentrazzjonijiet tal-gass jinżammu f'limiti li ma humiex ta' ħsara għall-klieb ***jew*** għall-qtates u li l-ventilazzjoni hija suffiċjenti biex tiġi evitata sħana żejda u, fejn meħtieġ, flimkien mas-sistemi tat-tisħin, biex titneħħa l-indewwa eċċessiva;

Or. en

Emenda 600
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fejn l-annimali jinżammu fi stabbilimenti tat-tnissil jew fi ***ħwienet tal-annimali tad-dar***, iċ-ċirkolazzjoni tal-arja, il-livelli tat-trab, it-temperatura, l-umdità relattiva tal-arja u l-konċentrazzjonijiet tal-gass jinżammu f'limiti li ma humiex ta' ħsara għall-klieb u għall-qtates u li l-ventilazzjoni hija suffiċjenti biex tiġi evitata sħana żejda u, fejn meħtieġ, flimkien mas-sistemi tat-tisħin, biex titneħħa l-indewwa eċċessiva;	(c) fejn l-annimali jinżammu fi stabbilimenti tat-tnissil jew fi ***stabbilimenti tal-bejgħ***, iċ-ċirkolazzjoni tal-arja, il-livelli tat-trab, it-temperatura, l-umdità relattiva tal-arja u l-konċentrazzjonijiet tal-gass jinżammu f'limiti li ma humiex ta' ħsara għall-klieb u għall-qtates u li l-ventilazzjoni hija suffiċjenti biex tiġi evitata sħana żejda u, fejn meħtieġ, flimkien mas-sistemi tat-tisħin, biex titneħħa l-indewwa eċċessiva;

Or. en

Emenda 601
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fejn l-annimali jinżammu fi stabbilimenti tat-tnissil jew fi ħwienet tal-annimali tad-dar, iċ-ċirkolazzjoni tal-arja***,*** ***il-livelli tat-trab***, it-temperatura, l-umdità relattiva tal-arja u l-konċentrazzjonijiet tal-gass jinżammu f'limiti li ma humiex ta' ħsara għall-klieb u għall-qtates u li l-ventilazzjoni hija suffiċjenti biex tiġi evitata sħana żejda u, fejn meħtieġ, flimkien mas-sistemi tat-tisħin, biex titneħħa l-indewwa eċċessiva;	(c) fejn l-annimali jinżammu fi stabbilimenti tat-tnissil jew fi ħwienet tal-annimali tad-dar, iċ-ċirkolazzjoni tal-arja, it-temperatura, l-umdità relattiva tal-arja u l-konċentrazzjonijiet tal-gass jinżammu f'limiti li ma humiex ta' ħsara għall-klieb u għall-qtates u li l-ventilazzjoni hija suffiċjenti biex tiġi evitata sħana żejda u, fejn meħtieġ, flimkien mas-sistemi tat-tisħin, biex titneħħa l-indewwa eċċessiva;

Or. en

Emenda 602
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-klieb u l-qtates għandhom biżżejjed spazju biex ikunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles u biex jesprimu mġiba speċifika għall-ispeċi skont il-ħtiġijiet tagħhom, bi spazju suffiċjenti għall-materjal u l-istrutturi ta' arrikkiment, possibbiltà għall-annimali li jissoċjalizzaw u jirtiraw, u postijiet ta' mistrieħ nodfa;	(d) il-klieb u l-qtates għandhom biżżejjed spazju biex ikunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles u biex jesprimu mġiba speċifika għall-ispeċi skont il-ħtiġijiet tagħhom, bi spazju suffiċjenti għall-materjal u l-istrutturi ta' arrikkiment, possibbiltà għall-annimali li jissoċjalizzaw u jirtiraw, u postijiet ta' mistrieħ ***rotob, xotti u*** nodfa***, kbar biżżejjed u f'għadd suffiċjenti biex jiġi żgurat li kollha kemm huma jkunu jistgħu jimteddu u jistrieħu fl-istess ħin f'pożizzjoni naturali***;

Or. en

Emenda 603
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-klieb u l-qtates għandhom biżżejjed spazju biex ikunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles u biex jesprimu mġiba speċifika għall-ispeċi ***skont il-ħtiġijiet tagħhom, bi spazju suffiċjenti għall-materjal u l-istrutturi ta' arrikkiment, possibbiltà għall-annimali li jissoċjalizzaw u jirtiraw, u postijiet ta' mistrieħ nodfa***;	(d) il-klieb u l-qtates għandhom biżżejjed spazju biex ikunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles u biex jesprimu mġiba speċifika għall-ispeċi;

Or. en

Emenda 604
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-klieb u l-qtates għandhom biżżejjed spazju biex ikunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles u biex jesprimu mġiba speċifika għall-ispeċi skont il-ħtiġijiet tagħhom, bi spazju suffiċjenti għall-materjal u l-istrutturi ta' arrikkiment, possibbiltà għall-annimali li jissoċjalizzaw u jirtiraw, u postijiet ta' mistrieħ nodfa;	(d) il-klieb u l-qtates għandhom biżżejjed spazju biex ikunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles u biex jesprimu mġiba speċifika għall-ispeċi skont il-ħtiġijiet tagħhom, bi spazju suffiċjenti għall-materjal u l-istrutturi ta' arrikkiment, ***inklużi oġġetti li jħeġġu l-kurżità, il-personalità naturali tagħhom li jilagħbu u l-kapaċità konjittiva,*** possibbiltà għall-annimali li jissoċjalizzaw u jirtiraw, ***spazji sikuri fejn jistaħbew*** u postijiet ta' mistrieħ nodfa;

Or. en

Emenda 605
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***il-klieb*** u l-qtates ***miżmuma*** barra ***huma*** protetti minn kundizzjonijiet klimatiċi negattivi, inklużi stress termali, ħruq mix-xemx u infjammazzjoni tal-ġilda bil-ksieħ.	(e) ***meta l-klieb*** u l-qtates ***ikunu*** barra ***dawn għandhom ikunu*** protetti minn kundizzjonijiet klimatiċi negattivi, inklużi stress termali, ħruq mix-xemx u infjammazzjoni tal-ġilda bil-ksieħ.

Or. en

Emenda 606
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-ġriewi ma għandhomx jinbiegħu jew inkella jiġu separati minn ommhom qabel ma jkollhom 8 ġimgħat. Il-frieħ ma għandhomx jinbiegħu jew inkella jiġu separati minn ommhom qabel ma jkollhom 12-il ġimgħa.

Or. en

Emenda 607
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Iż-żamma tal-klieb jew tal-qtates esklużivament barra għandha tkun ipprojbita.

Or. en

Emenda 608
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iż-żamma tal-klieb jew tal-qtates f'kontenituri għandha tkun ipprojbita.	***imħassar***
Il-kontenituri jistgħu jintużaw biss għat-trasport u għall-iżolament temporanju tal-klieb u l-qtates individwali dment li jiġi evitat l-istress minħabba temperaturi estremi.	

Or. en

Emenda 609
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iż-żamma tal-klieb jew tal-qtates f'kontenituri għandha tkun ipprojbita.	Iż-żamma tal-klieb jew tal-qtates f'kontenituri ***jew f'gaġeġ*** għandha tkun ipprojbita.

Or. en

Emenda 610
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Iż-żamma tal-klieb jew tal-qtates esklużivament barra għandha tkun ipprojbita.

Or. en

Emenda 611
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Iż-żamma tal-klieb jew tal-qtates fi ħwienet tal-annimali tad-dar għandha tkun ipprojbita.

Or. en

Emenda 612
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-konteniturijistgħu jintużaw biss għat-trasport ***u*** għall-iżolament temporanju tal-klieb u l-qtates individwali dment li jiġi evitat l-istress minħabba temperaturi estremi.	Il-konteniturijistgħu jintużaw biss għat-trasport ***jew*** għall-iżolament temporanju tal-klieb u l-qtates individwali***, tal-ġriewi jew tal-frieħ b'kapaċità ta' regolazzjoni termali mnaqqsa jew ġriewi jew frieħ flimkien ma' ommijiethom***, dment li jiġi evitat l-istress minħabba temperaturi estremi***, u li l-klieb u l-qtates ikunu jistgħu jqumu bilwieqfa u joqogħdu bilqiegħda f'pożizzjoni naturali***.

Or. ro

Emenda 613
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kontenituri jistgħu jintużaw biss ***għat-trasport u*** għall-iżolament temporanju tal-klieb u l-qtates individwali dment li jiġi ***evitat*** l-istress minħabba temperaturi estremi.	Il-kontenituri jistgħu jintużaw biss għall-iżolament temporanju tal-klieb u l-qtates individwali dment li jiġi ***mminimizzat*** l-istress minħabba temperaturi estremi ***u tiġi evitata t-tbatija, u li l-klieb u l-qtates ikunu jistgħu joqogħdu bilwieqfa u jimteddu f'pożizzjoni naturali***.

Or. en

Emenda 614
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kontenituri jistgħu jintużaw biss għat-trasport u għall-iżolament temporanju tal-klieb u l-qtates individwali dment li jiġi evitat l-istress minħabba temperaturi estremi.	Il-kontenituri jistgħu jintużaw biss għat-trasport u għall-iżolament temporanju tal-klieb u l-qtates individwali dment li jiġi evitat l-istress minħabba temperaturi estremi***, u li l-klieb u l-qtates ikunu jistgħu joqogħdu bilwieqfa u jimteddu f'pożizzjoni naturali***.

Or. en

Emenda 615
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kontenituri jistgħu jintużaw biss għat-trasport u għall-iżolament temporanju tal-klieb u l-qtates individwali dment li jiġi evitat l-istress minħabba temperaturi estremi.	***Iż-żamma ta' annimali tad-dar f'kontenituri hija pprojbita***.

Or. en

Emenda 616
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-konteniturijistgħu jintużaw biss ***għat-trasport u*** għall-iżolament temporanju tal-klieb u l-qtates individwali dment li jiġi ***evitat*** l-istress minħabba temperaturi estremi.	Il-konteniturijistgħu jintużaw biss għall-iżolament temporanju tal-klieb u l-qtates individwali dment li jiġi ***mminimizzat*** l-istress minħabba temperaturi estremi***, u li l-klieb u l-qtates ikunu jistgħu joqogħdu bilwieqfa u jimteddu f'pożizzjoni naturali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet relatati mat-trasport tal-qtates u tal-klieb għandhom jiġu diskussi fil-qafas tar-regolament dwar il-benessri tal-annimali matul it-trasport.

Emenda 617
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	B'deroga mit-tieni subparagrafu, il-konteniturijistgħu jintużaw għat-trasport, l-iżolament fuq terminu qasir tal-klieb jew il-qtates individwali, dment li jiġi mminimizzat l-istress u tiġi evitata t-tbatija, u l-klieb u l-qtates ikunu jistgħu joqogħdu bilwieqfa u jimteddu f'pożizzjoni naturali.

Or. en

Emenda 618
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Iż-żamma tal-klieb jew tal-qtates fi ħwienet tal-annimali tad-dar għandha tkun ipprojbita.

Or. en

Emenda 619
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iż-żamma tal-klieb esklużivament ġewwa għandha tkun ipprojbita. Il-klieb miżmuma ġewwa għandu jkollhom aċċess ta' kuljum għal żona fuq barra ***li tippermetti l-eżerċizzju u s-soċjalizzazzjoni***. ***Barra minn hekk, meta l-klieb jinżammu f'postijiet fejn jinżammu l-klieb, l-operaturi għandhom jiddisinjaw u jibnu kompartimenti magħluqa individwali biex jippermettu lill-klieb ikollhom aċċess liberu għal spazju ta' barra b'konfinament u spazju ta' ġewwa jew għal kamra individwali.***	4. Iż-żamma tal-klieb esklużivament ġewwa għandha tkun ipprojbita. Il-klieb miżmuma ġewwa għandu jkollhom aċċess ta' kuljum għal żona fuq barra.

Or. en

Emenda 620
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iż-żamma tal-klieb esklużivament	4. Iż-żamma tal-klieb esklużivament

ġewwa għandha tkun ipprojbita. Il-klieb miżmuma ġewwa għandu jkollhom aċċess ta' kuljum għal żona fuq barra li tippermetti l-eżerċizzju u s-soċjalizzazzjoni. Barra minn hekk, meta l-klieb jinżammu f'postijiet fejn jinżammu l-klieb, l-operaturi għandhom jiddisinjaw u jibnu kompartimenti magħluqa individwali biex jippermettu lill-klieb ikollhom aċċess liberu għal spazju ta' barra b'konfinament u spazju ta' ġewwa jew għal kamra individwali.	ġewwa għandha tkun ipprojbita. Il-klieb miżmuma ġewwa għandu jkollhom aċċess ta' kuljum għal żona fuq barra li tippermetti l-eżerċizzju***, l-esplorazzjoni*** u s-soċjalizzazzjoni. Barra minn hekk, meta l-klieb jinżammu f'postijiet fejn jinżammu l-klieb, l-operaturi għandhom jiddisinjaw u jibnu kompartimenti magħluqa individwali biex jippermettu lill-klieb ikollhom aċċess liberu għal spazju ta' barra b'konfinament u spazju ta' ġewwa jew għal kamra individwali.
	Or. en

Emenda 621
Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iż-żamma tal-klieb ***jew qtates*** esklużivament ġewwa għandha tkun ipprojbita. Il-klieb miżmuma ġewwa għandu jkollhom aċċess ta' kuljum għal żona fuq barra li tippermetti l-eżerċizzju u s-soċjalizzazzjoni. Barra minn hekk, meta l-klieb jinżammu f'postijiet fejn jinżammu l-klieb, l-operaturi għandhom jiddisinjaw u jibnu kompartimenti magħluqa individwali biex jippermettu lill-klieb ikollhom aċċess liberu għal spazju ta' barra b'konfinament u spazju ta' ġewwa jew għal kamra individwali.	4. Iż-żamma tal-klieb esklużivament ġewwa għandha tkun ipprojbita. Il-klieb miżmuma ġewwa għandu jkollhom aċċess ta' kuljum għal żona fuq barra li tippermetti l-eżerċizzju u s-soċjalizzazzjoni. Barra minn hekk, meta l-klieb jinżammu f'postijiet fejn jinżammu l-klieb, l-operaturi għandhom jiddisinjaw u jibnu kompartimenti magħluqa individwali biex jippermettu lill-klieb ikollhom aċċess liberu għal spazju ta' barra b'konfinament u spazju ta' ġewwa jew għal kamra individwali.
	Or. fr

Emenda 622
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-operaturi għandhom jiżguraw li żona termonewtrali xierqa għall-qtates jew għall-klieb tinżamm f'żoni ta' ġewwa fejn qed jinżammu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 623
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6 a. L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil u tal-bejgħ għandhom jużaw, meta jkun meħtieġ, sistemi tat-tisħin jew tat-tkessiħ biex iżommu kwalità tajba tal-arja, temperatura xierqa fil-kompartimenti magħluqa ta' ġewwa fl-istabbilimenti tagħhom, u jneħħu umdità eċċessiva.

Or. en

Emenda 624
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates ikollhom aċċess għad-dawl naturali f'kull ħin. Fejn meħtieġ, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru, l-operaturi għandhom jipprovdu tidwil artifiċjali.	7. L-operaturi ***u s-sidien tal-annimali tad-dar*** għandhom jiżguraw li l-klieb jew il-qtates ikollhom aċċess għad-dawl naturali f'kull ħin ***u jkunu jistgħu jibqgħu fid-dlam għal perjodi suffiċjenti u mingħajr interruzzjoni sabiex iżommu ritmu ċirkadjan normali***. Fejn meħtieġ, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru, l-operaturi ***u s-sidien tal-annimali tad-dar***

għandhom jipprovdu tidwil artifiċjali.

Or. en

Emenda 625
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates ikollhom aċċess għad-dawl naturali f'kull ħin. ***Fejn meħtieġ, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru, l-operaturi għandhom jipprovdu tidwil artifiċjali.***	7. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates ikollhom aċċess għad-dawl naturali f'kull ħin.

Or. en

Emenda 626
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates ikollhom aċċess għad-dawl naturali f'kull ħin. Fejn meħtieġ, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru, l-operaturi għandhom jipprovdu tidwil artifiċjali.	7. L-operaturi ***u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates ikollhom aċċess għad-dawl naturali f'kull ħin***, u jkunu jistgħu jibqgħu fid-dlam għal perjodi suffiċjenti u mingħajr interruzzjoni***. Fejn meħtieġ, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru, l-operaturi għandhom jipprovdu tidwil artifiċjali.

Or. en

Emenda 627
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Dan l-Artikolu japplika minn [***5*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	8. Dan l-Artikolu japplika minn [***3*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 628
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-klieb u tal-qtates f'konformità mal-punt 3 tal-Anness 1.	1. L-operaturi***, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji, id-djar ta' fostering u l-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-klieb u tal-qtates f'konformità mal-punt 3 tal-Anness 1.

Or. en

Emenda 629
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-klieb u tal-qtates f'konformità	1. L-operaturi ***u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex tiġi ssalvagwardjata s-

mal-punt 3 tal-Anness 1.	saħħa tal-klieb u tal-qtates f'konformità mal-punt 3 tal-Anness 1.

Or. en

Emenda 630
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-klieb u tal-qtates f'konformità mal-punt 3 tal-Anness 1.	1. L-operaturi ***u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-klieb u tal-qtates f'konformità mal-punt 3 tal-Anness 1.

Or. en

Emenda 631
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-klieb u tal-qtates ***f'konformità mal-punt 3 tal-Anness 1***.	1. L-operaturi għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-klieb u tal-qtates.

Or. en

Emenda 632
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi ***u l-persuni*** fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli ***għas-santwarji*** għandhom jiżguraw li:	2. L-operaturi***, il-persuni*** fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli ***għall-annimali tad-dar u/jew is-santwarji, id-djar ta' fostering u l-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq*** għandhom jiżguraw li:

Or. en

Emenda 633
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb u l-qtates taħt ir-responsabbiltà tagħhom jiġu spezzjonati minn persuni li jieħdu ħsieb l-annimali mill-inqas ***darba*** kuljum;	(a) il-klieb u l-qtates taħt ir-responsabbiltà tagħhom jiġu spezzjonati minn persuni li jieħdu ħsieb l-annimali mill-inqas ***darbtejn*** kuljum***, u l-klieb u l-qtates vulnerabbli, bħal dawk tat-twelid, klieb u qtates morda jew midruba, u klieb u qtates femminili peri-partum, jiġu spezzjonati aktar ta' spiss***;

Or. en

Emenda 634
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb ***u l-qtates*** taħt ir-responsabbiltà tagħhom jiġu spezzjonati minn persuni li jieħdu ħsieb l-annimali mill-inqas darba kuljum;	(a) il-klieb ***jew il-qtates*** taħt ir-responsabbiltà tagħhom jiġu spezzjonati minn persuni li jieħdu ħsieb l-annimali mill-inqas darba kuljum ***u klieb u qtates vulnerabbli, bħal dawk tat-twelid, klieb u qtates morda jew midruba, u klieb u qtates femminili peri-partum, jiġu spezzjonati***

aktar ta' spiss;

Or. en

Emenda 635
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb u l-qtates taħt ir-responsabbiltà tagħhom jiġu spezzjonati minn persuni li jieħdu ħsieb l-annimali mill-inqas darba kuljum;	(a) il-klieb u l-qtates taħt ir-responsabbiltà tagħhom jiġu spezzjonati minn persuni li jieħdu ħsieb l-annimali mill-inqas darba kuljum; ***il-klieb u l-qtates vulnerabbli, bħal dawk tat-twelid, klieb u qtates morda jew midruba, u klieb u qtates femminili peri-partum, jiġu spezzjonati aktar ta' spiss;***

Or. en

Emenda 636
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Nicolae Ştefănuță

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb jew il-qtates b'sinjali ta' mard, korriment jew benesseri kompromess mod ieħor jiġu ttrasferiti, fejn meħtieġ, mingħajr dewmien żejjed lejn żona separata, jiġu ttrattati minn veterinarju, fejn xieraq, u jinżammu hemm sakemm jirkupraw bis-sħiħ, jew inkella jiġu ewtanizzati mingħajr dewmien żejjed;	(b) il-klieb jew il-qtates b'sinjali ta' mard, korriment jew benesseri kompromess mod ieħor jiġu ttrasferiti, fejn meħtieġ, mingħajr dewmien żejjed lejn żona separata, jiġu ttrattati minn veterinarju, fejn xieraq, u jinżammu hemm sakemm jirkupraw bis-sħiħ, jew inkella***, fil-każ li veterinarju jiddetermina li ma hemm l-ebda miżura adegwata biex tiġi ġestita l-kundizzjoni tagħhom,*** jiġu ewtanizzati ***minn veterinarju*** mingħajr dewmien żejjed;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tiżgura li l-ewtanażja ma tintużax bħala miżura għall-kontroll tal-popolazzjoni, fin-nuqqas ta' kwalunkwe marda reali/kundizzjoni ħażina tal-annimal.

Din l-emenda ma tippreġudikax il-kunsens jew le ta' sid potenzjali.

Emenda 637
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb jew il-qtates b'sinjali ta' mard, korriment jew benesseri kompromess mod ieħor jiġu ttrasferiti, fejn meħtieġ, mingħajr dewmien żejjed lejn żona separata, jiġu ttrattati minn veterinarju, fejn xieraq, u jinżammu hemm sakemm jirkupraw bis-sħiħ, jew inkella jiġu ewtanizzati mingħajr dewmien żejjed;	(b) il-klieb jew il-qtates b'sinjali ta' mard, korriment jew benesseri kompromess mod ieħor jiġu ttrasferiti, fejn meħtieġ, mingħajr dewmien żejjed lejn żona separata, jiġu ttrattati minn veterinarju, fejn xieraq, u jinżammu hemm sakemm jirkupraw bis-sħiħ, jew inkella jiġu ewtanizzati mingħajr dewmien żejjed ***f'każ ta' mard serju u li ma hemmx kura għalih***;

Or. en

Emenda 638
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb jew il-qtates b'sinjali ta' mard, korriment jew benesseri kompromess mod ieħor jiġu ttrasferiti, fejn meħtieġ, mingħajr dewmien żejjed lejn żona separata, jiġu ttrattati minn veterinarju, fejn xieraq, u jinżammu hemm sakemm jirkupraw bis-sħiħ, jew inkella	(b) il-klieb jew il-qtates ***b'imġiba mhux normali***, b'sinjali ta' mard, korriment jew benesseri kompromess mod ieħor jiġu ttrasferiti, fejn meħtieġ, mingħajr dewmien żejjed lejn żona separata, jiġu ttrattati minn veterinarju, fejn xieraq, u jinżammu hemm sakemm jirkupraw bis-sħiħ, jew inkella jiġu ewtanizzati mingħajr

jiġu ewtanizzati mingħajr dewmien żejjed;	dewmien żejjed;

Or. fr

Emenda 639
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus issir biss minn veterinarju.	(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus issir biss minn veterinarju ***b'anesteżija u b'analġeżija fit-tul, u ssir biss jekk jiġi stabbilit mill-veterinarju u l-eżami tal-imġiba li l-annimal jew ikun qed isofri minn marda li ma hemmx kura għaliha filwaqt li qed jesperjenza uġigħ jew tbatija ta' natura severa li ma tistax tittaffa jew li ma jkun jista' jipproteġi lilu nnifsu bl-ebda mod u l-irkupru ma jkunx possibbli, u li jinżamm ħaj imur b'mod ċar kontra r-regoli tal-benesseri tiegħu***.

Or. en

Emenda 640
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus issir biss minn veterinarju.	(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus issir biss minn veterinarju ***b'anesteżija u b'analġeżija fit-tul, u ssir biss jekk jiġi stabbilit mill-veterinarju u l-eżami tal-imġiba li l-annimal jew ikun qed isofri minn marda li ma hemmx kura għaliha filwaqt li qed jesperjenza uġigħ jew tbatija ta' natura severa li ma tistax tittaffa jew li ma jkun jista' jipproteġi lilu nnifsu bl-ebda mod u l-irkupru ma jkunx possibbli,***

u li jinżamm ħaj imur b'mod ċar kontra l-benesseri tiegħu.

Or. en

Emenda 641
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus issir biss minn veterinarju.	(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus issir biss minn veterinarju***, u ssir biss jekk jiġi stabbilit mill-veterinarju u l-eżami tal-imġiba li l-annimal jew ikun qed isofri minn marda li ma hemmx kura għaliha filwaqt li qed jesperjenza uġigħ jew tbatija ta' natura severa li ma tistax tittaffa jew li ma jkun jista' jipproteġi lilu nnifsu bl-ebda mod u l-irkupru ma jkunx possibbli, u li jinżamm ħaj imur b'mod ċar kontra r-regoli tal-benesseri tiegħu***.

Or. en

Emenda 642
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Nicolae Ştefănuță

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus issir biss minn veterinarju.	(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus issir biss minn veterinarju ***u fuq rakkomandazzjoni ta' veterinarju, u ssegwi eżami veterinarju u tal-imġiba li jistabbilixxi li ż-żamma tal-annimal ħaj tmur kontra l-benesseri tiegħu, minħabba raġunijiet ġustifikabbli***.

L-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus fis-santwarji tal-annimali bħala soluzzjoni għall-ġestjoni tal-popolazzjoni hija pprojbita.

Or. en

Emenda 643
Paulo do Nascimento Cabaral

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus ***issir*** biss minn veterinarju.	(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus ***għandha ssir*** biss minn veterinarju.

Or. en

Emenda 644
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus ***issir*** biss minn veterinarju.	(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus ***għandha ssir*** biss minn veterinarju.

Or. en

Emenda 645
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus ***issir biss*** minn veterinarju.	(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus ***għandha ssir esklużivament*** minn

veterinarju.

Or. en

Emenda 646
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) miżuri ***li jinkludu mediċina veterinarja*** huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni, ***inklużi trattamenti veterinarji preventivi*** għall-prevenzjoni ta' mard komuni li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika;	(d) miżuri huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni, ***vaċċini*** għall-prevenzjoni ta' mard komuni li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika; ***;***

Or. ro

Emenda 647
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) miżuri li jinkludu mediċina veterinarja huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni, inklużi trattamenti veterinarji preventivi għall-prevenzjoni ta' mard komuni li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika;	(d) miżuri li jinkludu mediċina veterinarja huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni, inklużi trattamenti veterinarji preventivi***, bħat-tilqim,*** għall-prevenzjoni ta' mard komuni li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika;

Or. en

Emenda 648

Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) miżuri li jinkludu mediċina veterinarja huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni, inklużi trattamenti veterinarji preventivi għall-prevenzjoni ta' mard komuni li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika;	(d) miżuri li jinkludu mediċina veterinarja huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni, inklużi trattamenti veterinarji preventivi ***u t-tilqim*** għall-prevenzjoni ta' mard komuni li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika;

Or. en

Emenda 649
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) miżuri li jinkludu mediċina veterinarja huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni**,** inklużi trattamenti veterinarji preventivi għall-prevenzjoni ta' mard ***komuni*** li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika;	(d) miżuri li jinkludu mediċina veterinarja huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni ***u*** inklużi trattamenti veterinarji preventivi ***bħat-tilqim*** għall-prevenzjoni ta' mard li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika;

Or. en

Emenda 650
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(d) miżuri li jinkludu mediċina ***veterinarja*** huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni, inklużi trattamenti veterinarji preventivi għall-prevenzjoni ta' mard komuni li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika;	(d) miżuri li jinkludu mediċina ***u tilqim veterinarji*** huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni, inklużi trattamenti veterinarji preventivi u tilqim għall-prevenzjoni ta' mard komuni li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika;

Or. en

Emenda 651
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-operaturi jiżguraw li l-annimali jiġu allokati fis-santwarji b'tali mod li tiġi pprevenuta r-riproduzzjoni mhux ikkontrollata tal-klieb u l-qtates;

Or. ro

Emenda 652
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Nicolae Ştefănuță

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-ebda kelb jew qattus ma jiġi rilaxxat minn santwarju mingħajr ma jkun kastrat, sakemm ma jkunx indikat speċifikament minn veterinarju;

Or. en

Emenda 653
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) ikun hemm miżuri stabbiliti maħsuba biex jipprevjenu r-riproduzzjoni tal-kelb jew tal-qattus miżmuma hemmhekk;

Or. en

Emenda 654
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-materjali ta' arrikkiment ma jippreżentaw l-ebda riskju ta' ***korriment jew*** kontaminazzjoni ***bijoloġika jew*** kimika ***jew kwalunkwe riskju ieħor għas-saħħa***.	(e) il-materjali ta' arrikkiment ma jippreżentaw l-ebda riskju ta' kontaminazzjoni kimika.

Or. en

Emenda 655
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jekk disponibbli, għandha tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti relatata mas-saħħa lill-akkwirent ta' kelb jew ta' qattus, inkluża informazzjoni dwar it-tilqim, l-allerġiji, il-kundizzjonijiet tas-saħħa u dwar is-sjieda responsabbli

f'konformità mal-Artikolu 8(1).

Or. en

Emenda 656
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jittieħdu l-miżuri rilevanti kollha biex tiġi pprevenuta r-riproduzzjoni tal-annimali miżmuma hemmhekk;

Or. en

Emenda 657
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) sakemm ma jkunx indikat mod ieħor minn veterinarju, l-ebda kelb jew qattus ma għandu jiġi rilaxxat minn santwarju mingħajr ma jkun kastrat.

Or. en

Emenda 658
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. il-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali fis-santwarji, fid-djar ta'

fostering u fil-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu r-riproduzzjoni tal-annimali taħt il-kura tagħhom.

Or. en

Emenda 659
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali fis-santwarji għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu r-riproduzzjoni tal-annimali miżmuma fihom.

Or. en

Emenda 660
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus fis-santwarji tal-annimali bħala soluzzjoni għall-ġestjoni tal-popolazzjoni hija pprojbita.

Or. en

Emenda 661
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. sakemm ma jkunx indikat mod ieħor minn veterinarju indipendenti, l-ebda kelb jew qattus ma għandu jiġi rilaxxat minn santwarju mingħajr ma jkun kastrat.

Or. en

Emenda 662
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor minn veterinarju, l-ebda kelb jew qattus ma għandu jiġi rilaxxat minn santwarju mingħajr ma jkun kastrat.

Or. en

Emenda 663
Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi għandhom jiżguraw li:	L-operaturi***, bi qbil mal-veterinarju tagħhom,*** għandhom jiżguraw li:

Or. fr

Emenda 664
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi għandhom jiżguraw li:	L-operaturi ***u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom jiżguraw li:

Or. en

Emenda 665
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb u l-qtates femminili jiġu mgħammra biss jekk ikollhom età minima f'konformità mal-Anness I, il-punti 3.1 u 3.2, it-tkabbir skelettriku tagħhom ikun lest u jkunu ħielsa minn mard jew kundizzjonijiet fiżiċi li jistgħu jħallu impatt negattiv fuq it-tqala u l-benesseri tagħhom;	(a) il-klieb u l-qtates femminili jiġu mgħammra biss jekk ikollhom età minima f'konformità mal-Anness I, il-punti 3.1 u 3.2, it-tkabbir skelettriku tagħhom ikun lest u jkunu ħielsa minn mard jew kundizzjonijiet fiżiċi li jistgħu jħallu impatt negattiv fuq it-tqala u l-benesseri tagħhom***, u dment li ma jkunx raġonevolment mistenni li dawn se jkollhom ħlas b'ċesarja***;

Or. en

Emenda 666
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tqaliet tal-klieb u l-qtates femminili li jagħtu ġriewi jew frieħ isegwu frekwenza massima;	(b) it-tqaliet tal-klieb jew il-qtates femminili li jagħtu ġriewi jew frieħ isegwu frekwenza massima***, f'konformità mal-Anness I, il-punt 3***;

Or. en

Emenda 667
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tqaliet tal-klieb u l-qtates femminili li jagħtu ġriewi jew frieħ isegwu ***frekwenza*** massima;	(b) it-tqaliet tal-klieb u l-qtates femminili li jagħtu ġriewi jew frieħ isegwu ***l-frekwenza*** massima ***speċifikata fl-Anness I, il-punt 3.3***;

Or. en

Emenda 668
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-inseminazzjoni artifiċjali ssir biss minn veterinarju u f'ċirkostanzi eċċezzjonali u ġġustifikati, u ma tintużax b'mod awtomatiku jew biex jingħelbu l-problemi tal-inabbiltà tal-klieb jew tal-qtates li jgħammru u li jinqabdu tqal b'mod naturali.

Or. en

Emenda 669
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(d) kwalunkwe kelba ta' ***8*** snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar għandha, qabel ma tintuża għat-tnissil, tgħaddi minn eżami fiżiku minn veterinarju, biex jiġi kkonfermat bil-miktub li t-tqala tagħha mhux se toħloq xi riskju għall-benesseri tagħha, inkluża s-saħħa tagħha.	(d) kwalunkwe kelba ta' ***7*** snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar għandha, qabel ma tintuża għat-tnissil, tgħaddi minn eżami fiżiku minn veterinarju ***indipendenti***, biex jiġi kkonfermat bil-miktub li t-tqala tagħha mhux se toħloq xi riskju għall-benesseri tagħha, inkluża s-saħħa tagħha.

Or. en

Emenda 670
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) kwalunkwe kelba ta' ***8*** snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar għandha, qabel ma tintuża għat-tnissil, tgħaddi minn eżami fiżiku minn veterinarju, biex jiġi kkonfermat bil-miktub li t-tqala tagħha mhux se toħloq xi riskju għall-benesseri tagħha, inkluża s-saħħa tagħha.	(d) kwalunkwe kelba ta' ***7*** snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar għandha, qabel ma tintuża għat-tnissil, tgħaddi minn eżami fiżiku minn veterinarju, biex jiġi kkonfermat bil-miktub li t-tqala tagħha mhux se toħloq xi riskju għall-benesseri tagħha, inkluża s-saħħa tagħha.

Or. en

Emenda 671
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) kwalunkwe kelba ta' ***8*** snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar għandha, qabel ma tintuża għat-tnissil, tgħaddi minn eżami fiżiku minn veterinarju, biex jiġi kkonfermat bil-miktub li t-tqala tagħha mhux se toħloq xi riskju	(d) kwalunkwe kelba ta' ***7*** snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar għandha, qabel ma tintuża għat-tnissil, tgħaddi minn eżami fiżiku minn veterinarju, biex jiġi kkonfermat bil-miktub li t-tqala tagħha mhux se toħloq xi riskju

għall-benesseri tagħha, inkluża s-saħħa tagħha.	għall-benesseri tagħha, inkluża s-saħħa tagħha.

Or. en

Emenda 672
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) kwalunkwe kelba ta' ***8*** snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar għandha, qabel ma tintuża għat-tnissil, tgħaddi minn eżami fiżiku minn veterinarju, biex jiġi kkonfermat bil-miktub li t-tqala tagħha mhux se toħloq xi riskju għall-benesseri tagħha, inkluża s-saħħa tagħha.	(d) kwalunkwe kelba ta' ***7*** snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar għandha, qabel ma tintuża għat-tnissil, tgħaddi minn eżami fiżiku minn veterinarju, biex jiġi kkonfermat bil-miktub li t-tqala tagħha mhux se toħloq xi riskju għall-benesseri tagħha, inkluża s-saħħa tagħha.

Or. en

Emenda 673
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) kwalunkwe kelba ta' 8 snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar għandha, qabel ma tintuża għat-tnissil, tgħaddi minn eżami fiżiku minn veterinarju, biex jiġi kkonfermat bil-miktub li t-tqala tagħha mhux se toħloq xi riskju ***għall-benesseri tagħha, inkluża s-saħħa*** tagħha.	(d) kwalunkwe kelba ta' 8 snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar għandha, qabel ma tintuża għat-tnissil, tgħaddi minn eżami fiżiku minn veterinarju, biex jiġi kkonfermat bil-miktub li t-tqala tagħha mhux se toħloq xi riskju ***għas-saħħa*** tagħha.

Or. en

Emenda 674
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-klieb u l-qtates femminili adulti li ma għadhomx jintużaw għar-riproduzzjoni, inkluż bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ma jinqatlux jew ma jiġux abbandunati. L-operaturi għandhom ***ikomplu*** jiżguraw il-benesseri ***ta' dawk l-annimali*** f'konformità mar-Regolament.	(e) il-klieb u l-qtates femminili adulti li ma għadhomx jintużaw għar-riproduzzjoni, inkluż bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ma jinqatlux jew ma jiġux abbandunati. L-operaturi għandhom ***jippromwovu l-annimali kkonċernati għall-adozzjoni u jkomplu*** jiżguraw il-benesseri ***tagħhom*** f'konformità mar-Regolament***, inkluż sakemm jiġu allokati fis-santwarji jew sakemm jitqiegħdu f'familja temporanja jew adottiva***.

Or. ro

Emenda 675
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-klieb u l-qtates femminili adulti li ma għadhomx jintużaw għar-riproduzzjoni, inkluż bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ma jinqatlux jew ma jiġux abbandunati. L-operaturi għandhom ikomplu jiżguraw il-benesseri ta' dawk l-annimali f'konformità mar-Regolament.	(e) il-klieb u l-qtates femminili adulti li ma għadhomx jintużaw għar-riproduzzjoni, inkluż bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ***jew jinżammu mill-operatur jew jinbiegħu, jingħataw bħala donazzjoni jew tinstabilhom dar ġdida, u*** ma jinqatlux jew ma jiġux abbandunati. L-operaturi għandhom ikomplu jiżguraw il-benesseri ta' dawk l-annimali f'konformità mar-Regolament.

Or. en

Emenda 676
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-klieb ***u l-qtates femminili adulti*** li ma għadhomx jintużaw għar-riproduzzjoni, inkluż bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ma jinqatlux jew ma jiġux abbandunati. L-operaturi għandhom ikomplu jiżguraw il-benesseri ta' dawk l-annimali f'konformità mar-Regolament.	(e) Il-klieb ***jew il-qtates*** li ma għadhomx jintużaw għar-riproduzzjoni, inkluż bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ***jew jinżammu mill-operatur jew jinbiegħu, jingħataw bħala donazzjoni jew tinstabilhom dar ġdida, u*** ma jinqatlux jew ma jiġux abbandunati. L-operaturi għandhom ikomplu jiżguraw il-benesseri ta' dawk l-annimali f'konformità mar-Regolament.

Or. en

Emenda 677
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-klieb u l-qtates ***femminili*** adulti li ma għadhomx jintużaw għar-riproduzzjoni, inkluż bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ma jinqatlux jew ma jiġux abbandunati. L-operaturi għandhom ikomplu jiżguraw il-benesseri ta' dawk l-annimali f'konformità mar-Regolament.	(e) il-klieb u l-qtates adulti li ma għadhomx jintużaw għar-riproduzzjoni, inkluż bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ma jinqatlux jew ma jiġux abbandunati. L-operaturi għandhom ikomplu jiżguraw il-benesseri ta' dawk l-annimali f'konformità mar-Regolament.

Or. en

Emenda 678
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ea) ħlief meta veterinarju jordna mod ieħor, il-klieb jew il-qtates ma jistgħux jitilqu mis-santwarju mingħajr ma jkunu msewwija.

Or. ro

Emenda 679
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji jkollhom ir-riżultati tat-testijiet tas-saħħa ta' kelb jew ta' qattus jew rapporti ġenetiċi u dijanjożi tal-missier jew l-omm tal-annimal tad-dar inkwistjoni, dawn għandhom jaqsmu din l-informazzjoni mal-akkwirent tal-annimal.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xerrej jew persuna li takkwista annimal tad-dar għandha tiġi infurmata kif xieraq dwar l-istat tas-saħħa tal-annimal miksub u r-riskji relatati possibbli, bħat-testijiet tad-displażija tal-ġonot jew tal-MDR1, jekk operatur jew persuna responsabbli għas-santwarju diġà jkollha tali informazzjoni. Din id-dispożizzjoni ma toħloqx obbligu biex tinħoloq informazzjoni ġdida. Din toħloq biss obbligu li tiġi kondiviża l-informazzjoni rilevanti eżistenti.

Emenda 680
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-użu f'wirjiet, f'kompetizzjonijiet u fir-reklamar ta' klieb u ta' qtates

b'karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi għandu jkun ipprojbit

Or. en

Emenda 681
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dan l-Artikolu għandu japplika minn [***5 snin*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	4. Dan l-Artikolu għandu japplika minn [***sentejn*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 682
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dan l-Artikolu għandu japplika minn [***5 snin*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	4. Dan l-Artikolu għandu japplika minn [***sentejn*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 683
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi ***u l-persuni*** fiżiċi jew	1. L-operaturi***, il-persuni*** fiżiċi jew

ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li jittieħdu ***miżuri*** biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mġiba tal-qtates u tal-klieb f'konformità mal-punt 4 tal-Anness I.	ġuridiċi responsabbli għas-santwarji***, id-djar ta' fostering u l-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq*** għandhom jiżguraw li jittieħdu ***l-miżuri kollha*** biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mġiba tal-qtates u tal-klieb f'konformità mal-punt 4 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 684
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mġiba tal-qtates u tal-klieb ***f'konformità mal-punt 4 tal-Anness I***.	1. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mġiba tal-qtates u tal-klieb.

Or. en

Emenda 685
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) proċeduri għal skopijiet iġjeniċi, tas-saħħa jew riproduttivi;	(d) proċeduri għal skopijiet iġjeniċi, tas-saħħa jew riproduttivi***, fejn rakkomandazzjoni bil-miktub tiġi pprovduta minn veterinarju***;

Or. en

Emenda 686

Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) proċeduri għal skopijiet iġjeniċi**,** tas-saħħa ***jew riproduttivi***;	(d) proċeduri għal skopijiet iġjeniċi ***u*** tas-saħħa;

Or. en

Emenda 687
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) proċeduri għal skopijiet iġjeniċi**,** tas-saħħa ***jew riproduttivi***;	(d) proċeduri għal skopijiet iġjeniċi ***jew*** tas-saħħa;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-klieb spiss ikunu soġġetti għal trażżin waqt it-tgħammir. Minn perspettiva tal-benesseri tal-annimali, l-annimali qatt ma għandhom ikunu soġġetti għal trażżin jew jiġu mġiegħla waqt att sesswali jew tgħammir.

Emenda 688
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) trattament mediku.	(e) trattament mediku ***fejn rakkomandazzjoni bil-miktub tiġi pprovduta minn veterinarju***.

Or. en

Emenda 689
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) It-trażżin b'mod eċċezzjonali ta' annimal biex titwettaq waħda mill-proċeduri ta' hawn fuq għandu jkun limitat għall-iqsar żmien possibbli.

Or. en

Emenda 690
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. It-tieni paragrafu għandu japplika għall-operaturi, għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha responsabbli għall-annimali tad-dar u/jew għas-santwarji, għad-djar ta' fostering u għall-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq

Or. en

Emenda 691
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-irbit fil-bini tal-istabbiliment għal aktar minn siegħa għandu jkun ipprojbit, ħlief għad-durata ta' trattament mediku.	3. L-irbit fil-bini tal-istabbiliment għal aktar minn siegħa għandu jkun ipprojbit, ħlief għad-durata ta' trattament mediku ***fejn tiġi pprovduta rakkomandazzjoni bil-***

miktub minn veterinarju.

Or. en

Emenda 692
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-irbit ***fil-bini tal-istabbiliment għal aktar minn siegħa*** għandu jkun ipprojbit, ħlief għad-durata ta' trattament mediku.	3. L-irbit għandu jkun ipprojbit, ħlief għad-durata ta' trattament mediku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-irbit tal-annimali għandu jkun ipprojbit ħlief minħabba raġunijiet mediċi. Il-limitazzjoni tal-irbit għal siegħa se tkun aktar diffiċli biex tiġi infurzata minn projbizzjoni sħiħa.

Emenda 693
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-irbit ***fil-bini tal-istabbiliment għal aktar minn siegħa*** għandu jkun ipprojbit, ħlief għad-durata ta' trattament mediku.	3. L-irbit għandu jkun ipprojbit, ħlief għad-durata ta' trattament mediku.

Or. en

Emenda 694
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-irbit fil-bini tal-istabbiliment ***għal aktar minn siegħa*** għandu jkun ipprojbit, ħlief għad-durata ta' trattament mediku.	3. L-irbit fil-bini tal-istabbiliment għandu jkun ipprojbit, ħlief għad-durata ta' trattament mediku.

Or. en

Emenda 695
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet li jippermettu lill-annimali jesprimu mġiba soċjali mhux dannuża, imġiba speċifika għall-ispeċi u l-possibbiltà li jesperjenzaw emozzjonijiet pożittivi.	4. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli ***għall-annimali tad-dar u/jew*** għas-santwarji***, għad-djar ta' fostering u għall-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq*** għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet li jippermettu lill-annimali jesprimu mġiba soċjali mhux dannuża, imġiba speċifika għall-ispeċi u l-possibbiltà li jesperjenzaw emozzjonijiet pożittivi.

Or. en

Emenda 696
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet li jippermettu lill-annimali	4. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet li jippermettu lill-annimali

jesprimu mġiba soċjali mhux dannuża, imġiba speċifika għall-ispeċi u l-possibbiltà li jesperjenzaw emozzjonijiet pożittivi.	jesprimu mġiba soċjali mhux dannuża, imġiba speċifika għall-ispeċi***, imġiba etoloġika*** u l-possibbiltà li jesperjenzaw emozzjonijiet pożittivi.

Or. en

Emenda 697
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates ikollhom aċċess għall-arrikkiment ambjentali, inklużi ġugarelli xierqa, strutturi biex ikunu jistgħu jitilgħu magħhom u jistaħbew, u opportunitajiet biex jilagħbu u jesploraw, biex jiġu pprevenuti dwejjaq u mġiba relatata mal-istress.

Or. en

Emenda 698
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-arrikkiment jiġi pprovdut u jkun aċċessibbli għall-klieb jew għall-qtates kollha, u b'hekk jinħoloq ambjent stimulanti, jippermetti mġiba speċifika għall-ispeċijiet u jnaqqas il-frustrazzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 699
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, inkluż il-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika bl-iskop ***uniku*** li tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.	1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, inkluż il-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika***,*** bl-iskop li tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates***, jiġu evitati korrimenti u meta jkun meħtieġ għas-sigurtà tas-sidien tal-annimali f'attivitajiet speċifiċi, bħal fid-dar, fl-art tal-mergħa jew fix-xogħol ta' salvataġġ***. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.

Or. es

Emenda 700
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, ***inkluż il-qtugħ*** tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika bl-iskop uniku li tittejjeb is-saħħa ***tal-klieb u tal-qtates***. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.	1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, ***inklużi l-qtugħ*** tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, ***il-qtugħ tad-dwiefer,*** l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali ***kif ukoll il-forniment, it-tqegħid u l-wiri fl-Unjoni ta' tali annimali***, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika ***stabbilita minn veterinarju*** bl-iskop uniku li tittejjeb is-saħħa ***tal-annimali tal-kumpanija***. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha

	titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.

Or. en

Emenda 701
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, inkluż il-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika bl-iskop uniku li tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.	1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, inkluż il-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika bl-iskop uniku li tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates***, jew bil-għan ta' prevenzjoni jekk in-nuqqas ta' operazzjoni jista' jwassal maż-żmien għal riskju għas-saħħa***. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.

Or. fr

Emenda 702
Salvatore De Meo, Flavio Tosi, Christine Schneider, Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, ***inkluż il-qtugħ*** tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika bl-iskop uniku li tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates. F'każ bħal dan, il-proċedura	1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, ***inklużi l-qtugħ*** tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika***, li tista' tinkludi raġunijiet profilattiċi, dijanjostiċi, u/jew ta' trattament,*** bl-iskop

għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.

uniku li tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha ***tiġi vvalutata u*** titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.

Or. en

Emenda 703
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, inkluż il-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika bl-iskop ***uniku*** li tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.	1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, inkluż il-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika***,*** bl-iskop li tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates ***jew biex jiġu evitati korrimenti***. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-prattika tal-amputazzjonijiet mhijiex biss indikata għall-veterinarji meta jkun hemm periklu għas-saħħa iżda wkoll għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe ħsara li tista' sseħħ. Il-kunċett huwa simili għat-tneħħija tal-appendiċi jew tat-tunsilli fil-bniedem. F'dawn l-okkażjonijiet, tista' tiġi indikata l-prattika ta' dawn l-interventi, mhux biss għat-titjib tas-saħħa tal-annimal, iżda biex jiġu evitati sitwazzjonijiet fil-futur ta' riskju għas-saħħa tal-annimal, speċjalment fir-rigward ta' attivitajiet speċifiċi jew professjonali fejn jistgħu jseħħu korrimenti.

Emenda 704
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, ***inkluż il-qtugħ*** tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika bl-iskop uniku li tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.	1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, ***inklużi l-qtugħ*** tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, l-amputazzjoni parzjali jew sħiħa tas-swaba'***, it-tneħħija tad-dwiefer***, u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux minħabba indikazzjoni medika bl-iskop uniku li tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.

Or. en

Emenda 705
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-indikazzjoni medika għall-mutilazzjoni u d-dettalji tal-proċedura mwettqa għandhom jiġu dokumentati minn veterinarju. Dan id-dokument għandu jinżamm mill-operatur sakemm il-kelb jew il-qattus, flimkien ma' dan id-dokument, jiġu trasferiti lejn stabbiliment jew sid ieħor. L-operatur tal-istabbiliment responsabbli għall-kelb jew għall-qattus meta l-mutilazzjoni tkun twettqet mill-veterinarju għandu jżomm kopja tad-dokument għal tliet snin.

Or. en

Emenda 706
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-indikazzjoni medika għall-mutilazzjoni u d-dettalji tal-proċedura mwettqa għandhom jiġu dokumentati minn veterinarju. Dan id-dokument għandu jinżamm mill-operatur sakemm il-kelb jew il-qattus, flimkien ma' dan id-dokument, jiġu trasferiti lejn stabbiliment jew sid ieħor. L-operatur tal-istabbiliment responsabbli għall-kelb jew għall-qattus meta l-mutilazzjoni tkun twettqet mill-veterinarju għandu jżomm kopja tad-dokument għal għaxar snin.

Or. en

Emenda 707
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. B'deroga, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-qtugħ tal-widnejn billi ssir talja jew tinqata' l-parti ta' fuq tal-widnejn tal-qtates fil-kuntest tal-immarkar ta' qtates li jgħixu fit-triq meta jiġu kkastrati fl-ambitu tal-programmi ta' qbid u kastrazzjoni.

Or. en

Emenda 708
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-prattiki ta' trattament li ġejjin	3. Il-prattiki ta' trattament li ġejjin

għandhom ikunu pprojbiti:	għandhom ikunu pprojbiti***, inkluż għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jittrattaw il-klieb tal-pulizija, militari jew tal-kaċċa***:

Or. en

Emenda 709
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-irbit ***kontinwu*** ta' partijiet tal-ġisem;	(a) l-irbit ta' partijiet tal-ġisem***, sakemm ma jkunux meħtieġa minħabba raġunijiet ta' saħħa jew ta' benesseri, f'liema każ id-durata għandha tkun limitata għall-perjodu minimu meħtieġ***;

Or. en

Emenda 710
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-irbit ***kontinwu*** ta' partijiet tal-ġisem;	(a) l-irbit ta' partijiet tal-ġisem;

Or. en

Emenda 711
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) l-irbit ***kontinwu*** ta' partijiet tal-ġisem***;***	(a) l-irbit ta' partijiet tal-ġisem

Or. en

Emenda 712
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-esponiment tal-klieb u tal-qtates għal kurrent elettriku;	(c) l-esponiment tal-klieb u tal-qtates għal kurrent elettriku***, sakemm dik il-prattika ma tkunx inkwadrata u limitata għal dak li huwa strettament neċessarju u skont il-proċeduri ddefiniti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali***;

Or. fr

Emenda 713
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) l-esponiment tal-klieb u tal-qtates għal kurrent elettriku;	c) l-esponiment tal-klieb u tal-qtates għal kurrent elettriku***, ħlief f'każijiet ta' sigurtà pubblika jew benesseri tal-annimali f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali u taħt superviżjoni professjonali***;

Or. es

Emenda 714
Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-esponiment tal-klieb u tal-qtates għal kurrent elettriku;	(c) l-esponiment tal-klieb u tal-qtates għal kurrent elettriku, ***ħlief għall-finijiet ta' taħriġ***;

Or. fr

Emenda 715
Salvatore De Meo, Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Flavio Tosi

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-esponiment ***tal-klieb u*** tal-qtates għal kurrent elettriku;	(c) l-esponiment tal-qtates għal kurrent elettriku;

Or. en

Emenda 716
Salvatore De Meo, Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Flavio Tosi

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-esponiment tal-klieb għal kurrent elettriku, ħlief meta jkun meħtieġ biex tiġi żgurata s-sikurezza pubblika u tal-annimali. F'tali każijiet, l-użu jrid ikun strettament limitat għad-durata minima meħtieġa, imwettaq taħt superviżjoni kontinwa, u f'konformità sħiħa mar-regolamenti nazzjonali dwar il-benessri tal-annimali.

Or. en

Emenda 717

Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-użu ta' kullari bil-ponot fuq ġewwa;

Or. en

Emenda 718
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) l-użu ta' kullari li jissikkaw mal-għonq mingħajr ma jkollhom mekkaniżmu biex ma jkunx hemm fgar;

Or. en

Emenda 719
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-użu fit-tul ta' sarimi, sakemm ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet ta' saħħa ***jew ta' benesseri***, f'liema każ id-durata għandha tkun limitata għall-perjodu minimu meħtieġ;	(d) l-użu fit-tul ta' sarimi, sakemm ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet ta' saħħa ***jew meta jitneħħew annimali li jirrappreżentaw periklu għal ħaddieħor***, f'liema każ id-durata għandha tkun limitata għall-perjodu minimu meħtieġ.

Or. fr

Emenda 720
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-użu fit-tul ta' sarimi, sakemm ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet ta' saħħa jew ta' benesseri, f'liema każ id-durata għandha tkun limitata għall-perjodu minimu meħtieġ.	(d) l-użu fit-tul ta' sarimi***, inklużi sarimi tad-drapp u dawk b'forma ta' gaġġa mal-ħalq*** sakemm ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet ta' saħħa jew ta' benesseri, f'liema każ id-durata għandha tkun limitata għall-perjodu minimu meħtieġ.

Or. en

Emenda 721
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-użu ***fit-tul*** ta' sarimi, sakemm ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet ta' saħħa jew ta' benesseri, f'liema każ id-durata għandha tkun limitata għall-perjodu minimu meħtieġ.	(d) l-użu ta' sarimi, sakemm ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet ta' saħħa jew ta' benesseri, f'liema każ id-durata għandha tkun limitata għall-perjodu minimu meħtieġ.

Or. en

Emenda 722
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-użu ***fit-tul*** ta' sarimi, sakemm ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet ta' saħħa jew ta' benesseri, f'liema każ id-durata	(d) l-użu ta' sarimi, sakemm ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet ta' saħħa jew ta' benesseri, f'liema każ id-durata għandha

għandha tkun limitata għall-perjodu minimu meħtieġ.	tkun limitata għall-perjodu minimu meħtieġ.

Or. en

Emenda 723
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-użu ta' kullari ta' qris, bil-ponot fuq ġewwa jew li jagħtu xokkijiet elettriċi jew ta' kullari li jissikkaw mal-għonq kemm jekk ikollhom mekkaniżmu biex ma jkunx hemm fgar kif ukoll jekk le

Or. en

Emenda 724
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-użu ta' kullari bil-ponot fuq ġewwa, u ta' kullari li jissikkaw mal-għonq mingħajr mekkaniżmu biex ma jkunx hemm fgar

Or. en

Emenda 725
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) kwalunkwe tagħmir ieħor tal-immaniġġjar suxxettibbli li jikkawża stress jew uġigħ jew li b'xi mod ieħor ikun ta' detriment għall-benesseri tal-annimal.

Or. en

Emenda 726
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-irfigħ tal-klieb jew il-qtates mir-riġlejn, mir-ras, mid-denb u mill-pil.	(e) l-irfigħ tal-klieb jew il-qtates mir-riġlejn, mir-ras, mid-denb, ***mill-widnejn*** jew mill-pil.

Or. fr

Emenda 727
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-irfigħ tal-klieb jew il-qtates mir-riġlejn, mir-ras, mid-denb u mill-pil.	(e) l-irfigħ tal-klieb jew il-qtates mir-riġlejn, mir-ras, ***mill-ġilda,*** mid-denb u mill-pil.

Or. en

Emenda 728
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-irfigħ tal-klieb jew il-qtates mir-riġlejn, mir-ras, mid-denb ***u*** mill-pil.	(e) l-irfigħ tal-klieb jew il-qtates mir-riġlejn, mir-ras, mid-denb***, mill-widnejn jew*** mill-pil.

Or. en

Emenda 729
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-użu ta' restrizzjonijiet kimiċi jew fiżiċi li jikkawżaw diffikultà, uġigħ jew korriment, inklużi kullari li jagħtu x-xokkijiet, kullari bil-ponot fuq ġewwa, u apparati oħra ta' taħriġ avversivi.

Or. en

Emenda 730
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) li l-klieb jew il-qtates jiġu mġiegħla f'eżerċizzju fiżiku estrem jew f'kundizzjonijiet li jikkawżaw tbatija, inkluż l-esponiment tagħhom għal temperaturi estremi mingħajr protezzjoni adegwata, konfinament eċċessiv jew li jiġu ttraskurati l-htiġijiet fiżjoloġiċi bażiċi tagħhom.

Or. en

Emenda 731
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. B'deroga, l-Istati Membri jistgħu jippermettu fit-territorju tagħhom il-qtugħ tal-widnejn billi ssir talja jew tinqata' l-parti ta' fuq tal-widnejn tal-qtates fil-kuntest tal-immarkar ta' qtates li jiġru fit-triq meta jiġu kkastrati fl-ambitu tal-programmi ta' qbid, kastrazzjoni u ritorn u meta dan jiġi ddeterminat fil-pjanijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

Or. en

Emenda 732
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jagħtu biss derogi limitati u ġġustifikati tajjeb mill-paragrafu 3 lill-operaturi u lill-handlers li jżommu fl-istabbilimenti tagħhom klieb maħsuba għall-użu f'servizzi militari, tal-pulizija u doganali bil-għan li tiġi żgurata s-sikurezza tal-klieb tas-servizz.

Or. en

Emenda 733
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi mill-paragrafu 3 lill-operaturi li jżommu fl-istabbilimenti tat-tnissil jew tal-bejgħ tagħhom klieb maħsuba għall-użu f'servizzi militari, tal-pulizija u doganali.

Or. en

Emenda 734
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. B'deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu derogi mill-prattiki msemmija għall-annimali għal użu militari, mill-pulizija jew mill-awtoritajiet doganali.

Or. fr

Emenda 735
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15a
	Spettakli, wirjiet u kompetizzjonijiet estetiċi
	1. Klieb jew qtates b'karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi jew klieb jew qtates immutilati b'mod li jirriżulta f'alterazzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi għandhom jiġu esklużi milli jieħdu sehem fi spettakli, wirjiet u kompetizzjonijiet estetiċi.

Or. en

Emenda 736
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Approvazzjoni tal-istabbilimenti tat-tnissil	Approvazzjoni tal-istabbilimenti tat-tnissil***, tal-bejgħ u tar-riċerka***

Or. en

Emenda 737
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-istabbiliment tat-tnissil tagħhom mill-awtorità kompetenti qabel ma ***jbigħu l-klieb*** u l-qtates li twieldu fl-istabbiliment tagħhom.	1. Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi ***ta' stabbilimenti tat-tnissil li jipproduċu jew li jkun beħsiebhom jipproduċu aktar minn tliet tqaliet għal kull sena kalendarja, jew li jżommu aktar minn tlett iklieb jew qtates femminili fi kwalunkwe żmien partikolari, u l-operaturi tal-istabbilimenti tal-bejgħ,*** għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-istabbiliment tat-tnissil tagħhom mill-awtorità kompetenti qabel ma ***jqiegħdu fis-suq il-klieb*** u l-qtates li twieldu ***jew li jinżammu*** fl-istabbiliment tagħhom.

Or. en

Emenda 738
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-istabbiliment tat-tnissil tagħhom mill-awtorità kompetenti qabel ma ***jbigħu l-klieb*** u l-qtates li twieldu fl-istabbiliment tagħhom.	1. Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi ***ta' stabbilimenti tat-tnissil li jipproduċu jew li jkun beħsiebhom jipproduċu aktar minn żewġ tqaliet għal kull sena kalendarja,*** għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-istabbiliment tat-tnissil tagħhom mill-awtorità kompetenti qabel ma ***jqiegħdu fis-suq il-klieb*** u l-qtates li twieldu fl-istabbiliment tagħhom.

Or. en

Emenda 739
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-istabbiliment tat-tnissil tagħhom mill-awtorità kompetenti qabel ma jbigħu l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbiliment tagħhom.	1. Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-istabbiliment tat-tnissil tagħhom mill-awtorità kompetenti qabel ma jbigħu l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbiliment tagħhom***, sakemm l-istabbiliment tat-tnissil tagħhom ma jkunx eżentat skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mingħajr il-kliem miżjud, il-bejgħ ikun limitat għall-istabbilimenti tat-tnissil tal-klieb u l-qtates li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament.

Emenda 740
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [***5*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-istabbiliment tat-tnissil tagħhom mill-awtorità kompetenti qabel ma jbigħu l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbiliment tagħhom.	1. Minn [***3*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-istabbiliment tat-tnissil***, tar-riċerka jew tal-bejgħ*** tagħhom mill-awtorità kompetenti qabel ma jbigħu ***jew iżommu*** l-klieb u l-qtates li twieldu ***jew jinżammu*** fl-istabbiliment tagħhom.

Or. en

Emenda 741
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti għandha tagħti ċertifikat ta' approvazzjoni għal stabbiliment tat-tnissil, dment li, qabel spezzjoni fuq il-post tkun ikkonfermat li l-istabbiliment ***jissodisfa r-rekwiżiti*** ta' dan ir-Regolament.	2. L-awtorità kompetenti għandha tagħti ċertifikat ta' approvazzjoni għal stabbiliment tat-tnissil***, tar-riċerka jew tal-bejgħ*** dment li, qabel spezzjoni fuq il-post ***għal għarrieda*** tkun ikkonfermat li l-istabbiliment***, l-operatur u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha*** ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 742
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti	3. L-awtoritajiet kompetenti

għandhom iżommu lista tal-istabbilimenti tat-tnissil approvati u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku.	għandhom iżommu lista tal-istabbilimenti tat-tnissil***, tar-riċerka u tal-bejgħ*** approvati u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

Emenda 743
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-klieb ***u l-qtates***	Identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kelma "qtates" għandha titħassar tul l-Artikolu 17 kollu.

Emenda 744
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha ***miżmuma fi stabbilimenti għall-forniment fl-Unjoni, inklużi l-klieb u l-qtates adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, u l-klieb u l-qtates fornuti minn persuni fiżiċi,*** għandhom jiġu ***mmarkati għall-identifikazzjoni*** permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi ***tal-istabbilimenti*** għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu ***fl-istabbilimenti*** tagħhom ***ikunu mmarkati għall-***	1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha għandhom jiġu ***identifikati individwalment*** permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II.

identifikazzjoni sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni jew mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid ***tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju***.

L-operaturi ***u l-persuni fiżiċi kollha*** għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu ***minn annimali li huma taħt ir-responsabbiltà*** tagħhom ***jiġu identifikati sa*** mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid ***tagħhom u fi kwalunkwe każ qabel id-data tat-tqegħid fis-suq, anke l-każ ta' provvisti okkażjonali ta' klieb u qtates minn persuni fiżiċi***.

Or. en

Emenda 745
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha ***miżmuma fi stabbilimenti għall-forniment fl-Unjoni, inklużi l-klieb u l-qtates adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, u l-klieb u l-qtates fornuti minn persuni fiżiċi,*** għandhom jiġu ***mmarkati għall-identifikazzjoni*** permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi ***tal-istabbilimenti*** għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu ***fl-istabbilimenti*** tagħhom ***ikunu mmarkati għall-identifikazzjoni sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni jew*** mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid ***tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju***.	1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha għandhom jiġu ***identifikati individwalment*** permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi ***u l-persuni fiżiċi kollha*** għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu ***minn annimali li huma taħt ir-responsabbiltà*** tagħhom ***jiġu identifikati sa*** mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid ***tagħhom u fi kwalunkwe każ qabel id-data tat-tqegħid fis-suq, anke l-każ ta' provvisti okkażjonali ta' klieb u qtates minn persuni fiżiċi***.

Or. en

Emenda 746
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [***3*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha ***miżmuma fi stabbilimenti għall-forniment fl-Unjoni, inklużi l-klieb u l-qtates adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, u l-klieb u l-qtates fornuti minn persuni fiżiċi,*** għandhom jiġu mmarkati għall-identifikazzjoni permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi tal-istabbilimenti għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbilimenti tagħhom ikunu mmarkati għall-identifikazzjoni sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni jew mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.	1. Minn [***5*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha għandhom jiġu mmarkati għall-identifikazzjoni permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi tal-istabbilimenti għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbilimenti tagħhom ikunu mmarkati għall-identifikazzjoni sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni jew mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-estensjoni tal-ambitu għat-traċċabbiltà għall-klieb u l-qtates kollha fl-Unjoni skont l-Artikolu 1.1(b), qed jiġi propost perjodu ta' tranżizzjoni itwal biex jippermetti lill-Istati Membri, lill-operaturi u lis-sidien jadattaw.

Emenda 747
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ],*** il-klieb u l-qtates kollha miżmuma ***fi stabbilimenti għall-forniment*** fl-Unjoni***, inklużi l-klieb u l-qtates adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, u l-klieb u l-qtates fornuti minn persuni fiżiċi,*** għandhom jiġu ***mmarkati għall-identifikazzjoni*** permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi tal-istabbilimenti għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbilimenti tagħhom ***ikunu mmarkati għall-identifikazzjoni*** sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni jew mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.	1. Il-klieb u l-qtates kollha miżmuma fl-Unjoni għandhom ***jiġu identifikati individwalment*** permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi tal-istabbilimenti***, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji, u s-santwarji u l-operaturi responsabbli għal klieb jew qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li jgħixu fit-triq, mitlufin jew ikkonfiskati*** għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbilimenti tagħhom ***jew li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom jiġu identifikati individwalment*** sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni jew ***fi żmien 30 jum mill-wasla tagħhom fl-istabbiliment jew fis-santwarju tagħhom, skont liema jiġi l-ewwel, jew, fil-każ ta' annimali tat-twelid,*** mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.

Or. en

Emenda 748
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha miżmuma fi stabbilimenti ***għall-forniment fl-Unjoni, inklużi*** l-klieb u l-qtates ***adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, u l-klieb u l-qtates fornuti minn persuni fiżiċi***, għandhom jiġu ***mmarkati għall-identifikazzjoni*** permezz ta' transponder ***taħt il-ġilda*** li jkun fih mikroċippa***, f'konformità*** mal-Anness II. L-operaturi ***tal-istabbilimenti*** għandhom	1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha miżmuma***, anke*** fi stabbilimenti***, u*** l-klieb u l-qtates ***kollha li jitqiegħdu fis-suq, jew li jistgħu jitqiegħdu fis-suq***, għandhom jiġu ***identifikati individwalment*** permezz ta' transponder ***li jista' jiġi injettat*** li jkun fih mikroċippa ***konformi*** mal-Anness II. L-operaturi ***u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika*** għandhom jiżguraw li l-klieb ***jew il-qtates miżmuma jiġu identifikati***

jiżguraw li l-klieb ***u l-qtates li twieldu fl-istabbilimenti tagħhom ikunu mmarkati għall-identifikazzjoni sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni*** jew mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.

individwalmentt permezz tad-data tat-tqegħid tagħhom fis-suq jew mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.

Or. en

Emenda 749
Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha miżmuma fi stabbilimenti għall-forniment fl-Unjoni, inklużi l-klieb u l-qtates adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, u l-klieb u l-qtates fornuti minn persuni fiżiċi, għandhom jiġu mmarkati għall-identifikazzjoni permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi tal-istabbilimenti għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbilimenti tagħhom ikunu mmarkati għall-identifikazzjoni sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni jew mhux aktar tard minn ***3*** xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.	1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha miżmuma fi stabbilimenti għall-forniment fl-Unjoni, inklużi l-klieb u l-qtates adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, u l-klieb u l-qtates fornuti minn persuni fiżiċi, għandhom jiġu mmarkati għall-identifikazzjoni permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa ***jew tatwaġġ***, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi tal-istabbilimenti għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbilimenti tagħhom ikunu mmarkati għall-identifikazzjoni sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni jew mhux aktar tard minn ***4*** xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder ***jew l-applikazzjoni ta' tatwaġġ*** għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.

Or. fr

Emenda 750
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ],*** il-klieb u l-qtates kollha ***miżmuma fi stabbilimenti għall-forniment*** fl-Unjoni, inklużi l-klieb u l-qtates adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, ***u l-klieb*** u l-qtates ***fornuti minn*** persuni fiżiċi, għandhom jiġu mmarkati għall-identifikazzjoni permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi tal-istabbilimenti għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates ***li twieldu fl-istabbilimenti tagħhom*** ikunu mmarkati għall-identifikazzjoni ***sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni jew*** mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.	1. Il-klieb u l-qtates kollha fl-Unjoni, inklużi l-klieb u l-qtates adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil***, tar-riċerka u tal-bejgħ,*** il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, ***fid-djar ta' fostering u fil-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq, il-klieb*** u l-qtates ***proprjetà ta'*** persuni fiżiċi, ***u l-klieb u l-qtates li jgħixu fit-triq*** għandhom jiġu mmarkati għall-identifikazzjoni permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi tal-istabbilimenti***, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi responsabbli għas-santwarji, għad-djar ta' fostering u għall-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates ikunu mmarkati għall-identifikazzjoni ***sa*** mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.

Or. en

Emenda 751
Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha miżmuma fi stabbilimenti għall-forniment fl-Unjoni, inklużi l-klieb u l-qtates adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, u l-klieb u l-qtates fornuti minn persuni fiżiċi, għandhom jiġu	1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha miżmuma fi stabbilimenti għall-forniment fl-Unjoni, inklużi l-klieb u l-qtates adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, ***il-klieb li jgħixu fit-triq*** u l-klieb u l-qtates fornuti minn

mmarkati għall-identifikazzjoni permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi tal-istabbilimenti għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbilimenti tagħhom ikunu mmarkati għall-identifikazzjoni sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni jew mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.

persuni fiżiċi, għandhom jiġu mmarkati għall-identifikazzjoni permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi tal-istabbilimenti għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbilimenti tagħhom ikunu mmarkati għall-identifikazzjoni sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni jew mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.

Or. en

Emenda 752
Carlo Fidanza, Michele Picaro

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi ta' stabbilimenti tal-bejgħ, l-operaturi ta' santwarji u l-operaturi responsabbli għal klieb jew qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għandhom jiżguraw li klieb u qtates li jidħlu fl-istabbilimenti tagħhom jew li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom jiġu identifikati individwalment fi żmien 15-il jum wara l-wasla tagħhom fl-istabbiliment u, fi kwalunkwe każ, qabel id-data tat-tqegħid tagħhom fis-suq.

Or. it

Emenda 753
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi, is-santwarji u dawk responsabbli għal klieb jew qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom jiġu identifikati individwalment fi żmien 15-il jum u, fi kwalunkwe każ, qabel id-data tat-tqegħid tagħhom fis-suq.

Or. en

Emenda 754
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi, is-santwarji u dawk responsabbli għal klieb jew qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom jiġu identifikati individwalment fi żmien 30 jum u, fi kwalunkwe każ, qabel id-data tat-tqegħid tagħhom fis-suq.

Or. en

Emenda 755
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom	2. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom***, fi***

jiġu rreġistrati ***mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju,*** f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. Għall-klieb ***u l-qtates*** miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem ***is-sid*** tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus. Għall-klieb ***u l-qtates*** miżmuma fis-santwarji, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju. Għall-persuni fiżiċi ***li għandhom l-intenzjoni li jfornu*** kelb jew qattus fl-Unjoni, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem ***dik*** il-persuna***.*** Kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb jew tal-qattus, jew persuna responsabbli għalih, għandha tiżgura li l-bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19.

żmien jumejn ta' xogħol mill-identifikazzjoni tagħhom, jiġu rreġistrati ***b'mod li jista' jiġi vverifikat minn veterinarju*** f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. Għall-klieb ***jew il-qtates*** miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem ***l-operatur*** tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus. Għall-klieb ***jew il-qtates*** miżmuma fis-santwarji, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju. Għall-persuni fiżiċi***, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem dik il-persuna. Għal kwalunkwe*** kelb jew qattus ***ieħor*** fl-Unjoni, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem ***l-awtorità kompetenti responsabbli. F'każ ta' trasferiment tas-sjieda jew tar-responsabbiltà,*** il-persuna ***fiżika jew ġuridika li tqiegħed il-kelb jew il-qattus fis-suq u*** kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb jew tal-qattus, jew persuna responsabbli għalih, għandha tiżgura li l-bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19. ***Tali bidla fis-sjieda għandha sseħħ fi żmien ġimagħtejn mid-data tal-bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru responsabbli għal dik il-bażi ta' data.***

Or. en

Emenda 756
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ]***, il-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom	2. ***Fi żmien jumejn ta' xogħol wara li jiġu identifikati***, il-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1

jiġu rreġistrati mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju, f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. Għall-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem is-sid tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus. Għall-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju. Għall-persuni fiżiċi li għandhom l-intenzjoni li jfornu kelb jew qattus fl-Unjoni, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem dik il-persuna. Kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb jew tal-qattus, jew persuna responsabbli għalih, għandha tiżgura li l-bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19.

għandhom jiġu rreġistrati mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju, f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. Għall-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem is-sid tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus. Għall-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju. Għall-persuni fiżiċi li għandhom l-intenzjoni li jfornu kelb jew qattus fl-Unjoni, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem dik il-persuna. ***Għal kwalunkwe kelb jew qattus ieħor fl-Unjoni, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem l-awtorità kompetenti responsabbli.*** Kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb jew tal-qattus, jew persuna responsabbli għalih, għandha tiżgura li l-bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19. ***Il-mewt tal-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tiġi rreġistrata mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju, fil-bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19.***

Or. en

Emenda 757
Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju, f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. Għall-klieb u l-	2. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates***, inklużi l-klieb li jgħixu fit-triq,*** identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju, f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19.

qtates miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem is-sid tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus. Għall-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju. ***Għall-persuni*** fiżiċi li għandhom l-intenzjoni li jfornu kelb jew qattus fl-Unjoni***, ir-reġistrazzjoni*** għandha ssir f'isem dik il-persuna. Kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb jew tal-qattus, jew persuna responsabbli għalih, għandha tiżgura li l-bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19.

Għall-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem is-sid tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus. Għall-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju. ***Għall-klieb li jgħixu fit-triq, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem l-awtorità lokali kompetenti responsabbli għall-ġestjoni tagħhom, jew f'isem is-santwarju magħżul li jkun fdat bil-kura tagħhom. Il-persuni*** fiżiċi li għandhom l-intenzjoni li jfornu kelb jew qattus fl-Unjoni ***jeħtiġilhom jiżguraw li l-annimal ikun imlaqqam u jkollu mikroċippa mwaħħla qabel it-trasferiment u r-reġistrazzjoni*** għandha ssir f'isem dik il-persuna. Kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb jew tal-qattus, jew persuna responsabbli għalih, għandha tiżgura li l-bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19 ***fi żmien 14-il jum minn meta tirċievi l-annimal***.

Or. en

Emenda 758
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju, f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. Għall-klieb jew għall-qtates miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem l-operatur tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus.	(2) Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju, f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. Għall-klieb jew għall-qtates miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem l-operatur tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus.

Għall-klieb jew għall-qtates miżmuma fis-santwarji, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju. Għall-persuni fiżiċi ***li għandhom l-intenzjoni*** li ***jfornu*** kelb jew qattus ***fl-Unjoni***, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem dik il-persuna. ***Kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb jew tal-qattus, jew persuna responsabbli għalih***, għandha tiżgura li ***l-bidla*** fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19.	Għall-klieb jew għall-qtates miżmuma fis-santwarji, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju. Għall-persuni fiżiċi li ***jqiegħdu kelb jew qattus fis-suq***, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem dik il-persuna. ***F'każ ta' trasferiment tas-sjieda jew tar-responsabbiltà, il-persuna fiżika jew ġuridika li tqiegħed il-kelb jew il-qattus fis-suq*** għandha tiżgura li ***kwalunkwe bidla*** fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19***, fi żmien ġimagħtejn mid-data tal-bidla tas-sjieda jew tar-responsabbiltà, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru responsabbli għall-bażi tad-data***.

Or. ro

Emenda 759
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [***3 snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju, f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. Għall-klieb jew għall-qtates miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem l-operatur tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus. Għall-klieb jew għall-qtates miżmuma fis-santwarji, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju. Għall-persuni fiżiċi ***li għandhom l-intenzjoni li jfornu kelb jew qattus fl-Unjoni***, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem dik il-persuna. Kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb jew tal-qattus, jew	2. Minn [***sena*** mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju, f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19***, fi żmien jumejn wara li jsir l-immarkar għall-identifikazzjoni***. Għall-klieb jew għall-qtates miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil***, tar-riċerka jew tal-bejgħ***, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem l-operatur tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus. Għall-klieb jew għall-qtates miżmuma fis-santwarji***, fid-djar ta' fostering jew fil-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq***, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju.

persuna responsabbli għalih, għandha tiżgura li l-bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19.

Għall-persuni fiżiċi, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem dik il-persuna. Kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb jew tal-qattus, jew persuna responsabbli għalih, għandha tiżgura li l-bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19 ***mingħajr dewmien bla bżonn u mill-inqas fi żmien xahar***.

Or. en

Emenda 760
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ],*** il-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju, f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. Għall-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem is-sid tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus. Għall-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju. Għall-persuni fiżiċi ***li għandhom l-intenzjoni li jfornu kelb jew qattus fl-Unjoni***, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem dik il-persuna. Kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb jew tal-qattus, jew persuna responsabbli għalih, għandha tiżgura li l-bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19.	2. Il-klieb u l-qtates identifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati mill-veterinarju, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju, f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. Għall-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem is-sid tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus. Għall-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-persuna responsabbli għas-santwarju. Għall-persuni fiżiċi, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem dik il-persuna. Kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb jew tal-qattus, jew persuna responsabbli għalih, għandha tiżgura li l-bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19.

Or. en

Emenda 761
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-klieb u l-qtates kollha miżmuma, anke fi stabbilimenti, u l-klieb u l-qtates kollha mqiegħda fis-suq jew li jistgħu jitqiegħdu fis-suq, għandhom jiġu pprovduti b'passaport diġitali. Il-passaport diġitali għandu jinħareġ minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità rilevanti u għandu jkun fih informazzjoni dwar l-identifikazzjoni u l-istatus tat-tilqim tal-annimal. Il-passaport diġitali se jiffaċilita qsim aktar faċli bejn il-fruntieri ta' klieb u qtates identifikati u rreġistrati, kif ukoll aċċess malajr tal-veterinarji għall-istorja medika tagħhom.

Or. en

Emenda 762
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], qabel ma ***jforni*** kelb jew qattus fl-Unjoni, ***il-fornitur għandu jipprovdi*** lill-akkwirent tal-annimal:	Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], qabel ma ***tqiegħed*** kelb jew qattus ***fis-suq*** fl-Unjoni, ***il-persuna fiżika jew ġuridika li tqiegħed fis-suq il-kelb jew il-qattus għandha tipprovdi*** lill-akkwirent tal-annimal:

Or. en

Emenda 763
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [***3*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], qabel ma ***jforni*** kelb jew qattus fl-Unjoni, il-fornitur għandu jipprovdi lill-akkwirent tal-annimal:	Minn [***5*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], qabel ma ***jqiegħed fis-suq*** kelb jew qattus fl-Unjoni, il-fornitur għandu jipprovdi lill-akkwirent tal-annimal:

Or. en

Emenda 764
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], qabel ma ***jforni*** kelb jew qattus ***fl-Unjoni***, ***il-fornitur għandu jipprovdi*** lill-akkwirent tal-annimal:	Qabel ma ***tqiegħed*** kelb jew qattus ***fis-suq tal-Unjoni***, ***il-persuna fiżika jew ġuridika li tqiegħed il-kelb jew il-qattus fis-suq għandha tipprovdi*** lill-akkwirent tal-annimal:

Or. en

Emenda 765
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [***3 snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ], qabel ma ***jforni*** kelb jew qattus fl-Unjoni, ***il-fornitur*** għandu jipprovdi lill-akkwirent tal-annimal:	Minn [***sena*** mid-data tad-dħul fis-seħħ], qabel ma ***jdaħħal*** kelb jew qattus fl-Unjoni, ***is-sid*** għandu jipprovdi lill-akkwirent tal-annimal:

Or. en

Emenda 766
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal f'konformità mal-paragrafi 1 u 2;	(a) prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal ***lill-persuna fiżika jew ġuridika*** f'konformità mal-paragrafi 1 u 2***, u l-weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6***;

Or. en

Emenda 767
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal f'konformità mal-paragrafi 1 u 2;	(a) prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 ***u l-weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6***;

Or. en

Emenda 768
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) id-data u l-pajjiż tat-twelid tiegħu, u	(iii) id-data u l-pajjiż tat-twelid tiegħu ***u l-istabbiliment jew l-indirizz fejn ikun twieled***, u

Or. en

Emenda 769
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) fejn rilevanti, ir-razza tiegħu.	(iv) fejn rilevanti, ir-razza ***u l-pedigree*** tiegħu.

Or. fr

Emenda 770
Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iva) il-karta tas-saħħa tiegħu u informazzjoni dwar il-veterinarju li sa dak il-mument ikun inkarigat mill-monitoraġġ tal-annimal

Or. fr

Emenda 771
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-akkwirenti għandhom ikunu ***jistgħu*** jivverifikaw l-awtenticità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimali ***fornuti*** permezz tas-sistema msemmija fil-paragrafu 7.	L-akkwirenti għandhom ikunu ***responsabbli biex*** jivverifikaw l-awtenticità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimali ***li jitqiegħdu fis-suq*** permezz tas-sistema msemmija fil-

paragrafu 7.

Or. en

Emenda 772
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-akkwirenti għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw l-awtenticità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ***tal-annimali fornuti*** permezz tas-sistema msemmija fil-paragrafu 7.	L-akkwirenti għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw l-awtenticità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ***tal-klieb u l-qtates*** permezz tas-sistema msemmija fil-paragrafu 7.

Or. ro

Emenda 773
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-akkwirenti għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw l-awtenticità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimali ***fornuti*** permezz tas-sistema msemmija fil-paragrafu ***7***.	L-akkwirenti għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw l-awtenticità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimali ***vverifikati*** permezz tas-sistema msemmija fil-paragrafu ***6***.

Or. en

Emenda 774
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-akkwirenti għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ***tal-annimali fornuti*** permezz tas-sistema msemmija fil-paragrafu 7.	L-akkwirenti għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ***tal-annimal*** permezz tas-sistema msemmija fil-paragrafu 7.

Or. en

Emenda 775
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-fornituri ta' pjattaformi online għandhom jiżguraw li l-interfaċċa online tagħhom tkun iddisinjata u organizzata b'mod li tippermetti lill-fornituri tal-klieb u l-qtates jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u għandhom jinformaw lill-akkwirenti, b'mod viżibbli, bil-possibbiltà li jivverifikaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal permezz ta' weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6.	***imħassar***

Or. en

Emenda 776
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [***5 snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ],	Minn [***sentejn*** mid-data tad-dħul fis-seħħ],

il-fornituri ta’ pjattaformi online għandhom jiżguraw li l-interfaċċa online tagħhom tkun iddisinjata u organizzata b’mod li tippermetti lill-fornituri tal-klieb u l-qtates jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3, f’konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065***, u għandhom jinformaw*** lill-akkwirenti, b’mod viżibbli, bil-possibbiltà li jivverifikaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal permezz ta’ weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6.	il-fornituri ta’ pjattaformi online għandhom jiżguraw li l-interfaċċa online tagħhom tkun iddisinjata u organizzata b’mod li tippermetti lill-fornituri tal-klieb u l-qtates jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3, f’konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065***. Qabel ma kwalunkwe kelb jew qattus jiġi rreklamat fuq il-pjattaforma tiegħu, il-fornitur tal-pjattaforma online għandu jivverifika li l-annimal irreklamat ikun irreġistrat f’isem il-persuna li tkun qed toffrih. Il-fornitur tal-pjattaforma online għandu jinforma*** lill-akkwirenti, b’mod viżibbli, bil-possibbiltà li jivverifikaw ***ukoll*** l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal permezz ta’ weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6.
	Or. en

Emenda 777
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-fornituri ta’ pjattaformi online għandhom jiżguraw li l-interfaċċa online tagħhom tkun iddisinjata u organizzata b’mod li tippermetti ***lill-fornituri tal-klieb u l-qtates*** jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3, f’konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u għandhom jinformaw lill-akkwirenti, b’mod viżibbli, ***bil-possibbiltà*** li jivverifikaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ***tal-annimal*** permezz ta’ weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6.	Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-fornituri ta’ pjattaformi online għandhom jiżguraw li l-interfaċċa online tagħhom tkun iddisinjata u organizzata b’mod li tippermetti ***lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jqiegħdu klieb jew qtates fis-suq*** jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3, f’konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u għandhom jinformaw lill-akkwirenti, b’mod viżibbli, ***bir-responsabbiltà tagħhom*** li jivverifikaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ***tal-kelb jew tal-qattus*** permezz ta’ weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6.
	Or. en

Emenda 778
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [***5*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-fornituri ta' pjattaformi online għandhom jiżguraw li l-interfaċċa online tagħhom tkun iddisinjata u organizzata b'mod li tippermetti ***lill-fornituri tal-klieb*** u ***l-qtates*** jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u għandhom jinformaw lill-akkwirenti, b'mod viżibbli, bil-possibbiltà li jivverifikaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal permezz ta' weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6.	Minn [***3*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-fornituri ta' pjattaformi online għandhom jiżguraw li l-interfaċċa online tagħhom tkun iddisinjata u organizzata b'mod li tippermetti ***lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jqiegħdu klieb*** u ***qtates fis-suq*** jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u għandhom jinformaw lill-akkwirenti, b'mod viżibbli, bil-possibbiltà li jivverifikaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal permezz ta' weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6 ***ta' dan l-Artikolu***.

Or. en

Emenda 779
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-fornituri ta' pjattaformi online għandhom jiżguraw li l-interfaċċa online tagħhom tkun iddisinjata u organizzata b'mod li ***tippermetti lill-fornituri tal-klieb*** u ***l-qtates*** jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u għandhom jinformaw lill-akkwirenti, b'mod viżibbli, ***bil-possibbiltà li***	Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-fornituri ta' pjattaformi online għandhom jiżguraw li l-interfaċċa online tagħhom tkun iddisinjata u organizzata b'mod li ***tiffaċilita li l-operaturi jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra li jqiegħdu fis-suq il-klieb u l-qtates*** jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u għandhom jinformaw lill-

jivverifikaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal permezz ta' weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6.	akkwirenti, b'mod viżibbli, ***dwar*** l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ***vverifikati*** tal-annimal permezz ta' weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6.

Or. en

Emenda 780
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornitur tal-klieb u l-qtates għandu jkun l-uniku wieħed responsabbli għall-akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta permezz tal-interfaċċa tal-pjattaforma online. Xejn f'dan il-paragrafu ma għandu jiġi interpretat bħala li jimponi obbligu ta' monitoraġġ ġenerali fuq il-fornitur tal-pjattaforma online skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2022/2065.	***imħassar***

Or. en

Emenda 781
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen, Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-fornituri bħala prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal f'konformità mal-paragrafu 3(a), kemm f'każijiet fejn il-klieb u l-qtates jiġu offruti permezz ta' pjattaformi online kif ukoll b'mezzi oħrajn. Dawk l-atti ta'	***imħassar***

implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 782
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-fornituri bħala prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal f'konformità mal-paragrafu 3(a), kemm f'każijiet fejn il-klieb u l-qtates jiġu offruti permezz ta' pjattaformi online kif ukoll b'mezzi oħrajn. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.	5. Il-Kummissjoni għandha***, sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ]*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-fornituri bħala prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal f'konformità mal-paragrafu 3(a)***, u metodi li permezz tagħhom il-fornituri ta' pjattaformi online jkunu jistgħu jwettqu dmirhom li jivverifikaw dik l-informazzjoni***, kemm f'każijiet fejn il-klieb u l-qtates jiġu offruti permezz ta' pjattaformi online kif ukoll b'mezzi oħrajn. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 783
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-	6. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-

seħħ], il-Kummissjoni għandha tiżgura li sistema li twettaq iċċekkjar awtomatizzat tal-awtentiċità tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb jew tal-qtates fornuti, bl-użu tal-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19, tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas. Il-Kummissjoni tista' tafda l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' din is-sistema lil entità indipendenti. Is-sistema għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

seħħ], il-Kummissjoni għandha tiżgura li sistema li twettaq iċċekkjar awtomatizzat tal-awtentiċità tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb jew tal-qtates fornuti, bl-użu tal-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19, tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas. Il-Kummissjoni tista' tafda l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' din is-sistema lil entità indipendenti***, wara proċess ta' għażla pubblika, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu VII tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046***. Is-sistema għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

Or. en

Emenda 784
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tiżgura li sistema li twettaq iċċekkjar awtomatizzat tal-awtentiċità tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb jew tal-qtates ***fornuti***, bl-użu tal-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19, tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas. Il-Kummissjoni tista' tafda l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' din is-sistema lil entità indipendenti. Is-sistema għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:	6. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tiżgura li sistema ***online*** li twettaq iċċekkjar awtomatizzat tal-awtentiċità tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb jew tal-qtates ***li jitqiegħdu fis-suq***, bl-użu tal-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19, tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas. Il-Kummissjoni tista' tafda l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' din is-sistema lil entità indipendenti. Is-sistema għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

Or. en

Emenda 785
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minn [***3 snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tiżgura li sistema li twettaq iċċekkjar awtomatizzat tal-awtentiċità tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb jew tal-qtates fornuti, bl-użu tal-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19, tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas. Il-Kummissjoni tista' tafda l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' din is-sistema lil entità indipendenti. Is-sistema għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:	6. Minn [***sena*** mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tiżgura li sistema li twettaq iċċekkjar awtomatizzat tal-awtentiċità tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb jew tal-qtates fornuti, bl-użu tal-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19, tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas. Il-Kummissjoni tista' tafda l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' din is-sistema lil entità indipendenti. Is-sistema għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

Or. en

Emenda 786
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen, Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Sa [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-aspetti li ġejjin tas-sistema msemmija fil-paragrafu 6:	***imħassar***
— il-funzjonalitajiet ewlenin tas-sistema;	
— ir-rekwiżiti tekniċi, elettroniċi u kriptografiċi għas-sistema.	
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.	

Or. en

Emenda 787
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [***3 snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-aspetti li ġejjin tas-sistema msemmija fil-paragrafu 6:	Sa [***sena*** mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-aspetti li ġejjin tas-sistema msemmija fil-paragrafu 6:

Or. en

Emenda 788
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– il-kategoriji ta' data personali li jsiru disponibbli għall-persuna li jwettqu l-verifika matul il-verifika tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni, li għandhom ikunu limitati għal dawk strettament meħtieġa biex tkun tista' ssir tali verifika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-data u tal-limitazzjoni tal-iskop, is-sistema pprovduta biex isiru l-kontrolli awtomatiċi ta' awtentiċità għandha tagħmel disponibbli biss id-data strettament meħtieġa.

Emenda 789
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) għall-iżgurar ***li jkunu disponibbli korsijiet ta'*** taħriġ ***għal dawk li jieħdu ħsieb l-annimali***;	(a) għall-iżgurar ta' ***programmi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet, inkluż taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali, il-prevenzjoni tal-mard u l-prattiki ta' bijosigurtà. Dawn il-programmi se jiġu żviluppati fi sħubija ma' organizzazzjonijiet agrikoli u veterinarji.***

Or. en

Emenda 790
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) għall-iżgurar li jkunu disponibbli korsijiet tal-Mediċina għall-Annimali fis-Santwarji għall-veterinarji, li għandhom jinkludu enfasi fuq is-saħħa tal-merħla;

Or. en

Emenda 791
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) għall-iżgurar li jkunu disponibbli korsijiet għall-veterinarji biex iwettqu b'mod adegwat iż-żjarat dwar il-benesseri u s-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 10, li għandhom jinkludu enfasi fuq ir-rikonoxximent tal-vjolenza domestika, li spiss tkun relatata mal-abbuż tal-annimali;

Or. en

Emenda 792
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) għall-iżgurar li l-operaturi, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji, id-djar ta' fostering u l-postijiet fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fit-triq u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali u l-veterinarji għandhom jirċievu taħriġ adegwat u regolari;

Or. en

Emenda 793
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sa [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta programm edukattiv fit-tul biex tistimula l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-UE u l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti biex jittejbu l-benesseri u l-ħiliet tal-klieb maħsuba biex jintużaw f'servizzi militari, tal-pulizija u doganali fl-Unjoni. Minbarra li jindirizza l-pilastri essenzjali li jagħmlu enfasi fuq is-saħħa fiżika tal-klieb, is-saħħa mentali, l-etika u l-interazzjoni tal-bniedem, il-programm ta' azzjoni għandu jappoġġa speċifikament l-edukazzjoni u japprofondixxi l-għarfien espert tal-ħarrieġa, tal-handlers u tal-klieb fl-oqsma li ġejjin: ***a. Il-kundizzjonament strumentali u r-rinfurzar pożittiv;*** ***b. Il-prinċipji tax-xjenza u l-benesseri tal-***

imġiba, inkluż dwar in-nutrizzjoni, is-saħħa, it-trasport, u kunsiderazzjonijiet etiċi matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-kelb;

c. Il-ġestjoni tal-istress kemm għall-klieb kif ukoll għall-handlers.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji li jirriżultaw mill-impjieg ta' klieb tas-servizz li jgħinu biex tiġi żgurata s-sikurezza tan-nies, l-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-kooperazzjoni attiva u l-edukazzjoni tal-handlers tal-klieb u ta' dawk li jżommu l-klieb fl-aġenziji militari, tal-pulizija u tad-dwana. Tali edukazzjoni għandha wkoll taħdem qatigħ biex tipprevjeni jew timminimizza t-tbatija fiżika u mentali tal-klieb, u sabiex jiġu evitati wkoll ix-xejriet negattivi potenzjali ta' mġiba tagħhom lejn l-ambjent malli jirtiraw.

Emenda 794
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bażijiet tad-data tal-klieb ***u l-qtates***	Bażijiet tad-data tal-klieb

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kelma "qtates" għandha titħassar tul l-Artikolu 19 kollu.

Emenda 795
Katarína Roth Neveďalová, Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jistabbilixxu u jżommu*** bażi tad-data għar-reġistrazzjoni	1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jimplimentaw sistemi interoperabbli ta' reġistrazzjoni***

tal-klieb u l-qtates b'mikroċippa.	***tan-nissiela marbuta ma'*** bażi tad-data ***madwar l-UE*** għar-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates b'mikroċippa***, filwaqt li tiġi żgurata t-traċċabbiltà transfruntiera tan-nissiela u l-annimali***. ***Din is-sistema ċentralizzata għandha tiġġieled it-tnissil illegali, ittejjeb it-traċċabbiltà, u ssaħħaħ il-kontroll tal-mard.***

Or. en

Emenda 796
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu bażi tad-data għar-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates b'mikroċippa.	1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu bażi tad-data għar-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates b'mikroċippa ***f'konformità mal-Artikolu 17(2) u mal-Artikolu 21(4)***.

Or. en

Emenda 797
Valérie Deloge, Vilis Krištopans, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu bażi tad-data għar-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates b'mikroċippa.	1. Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu bażi tad-data għar-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates b'mikroċippa ***jew b'tatwaġġ***.

Or. fr

Emenda 798
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [***3 snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu bażi tad-data għar-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates b'mikroċippa.	1. Minn [***sena*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu bażi tad-data għar-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates b'mikroċippa.

Or. en

Emenda 799
Vilis Krištopans, Raffaele Stancanelli, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], għandha tinħoloq bażi tad-data fl-Unjoni Ewropea, li fiha l-awtoritajiet kompetenti li jinsabu fil-punti ta' qsim tal-fruntiera tal-Unjoni jdaħħlu informazzjoni dwar il-klieb u l-qtates li jidħlu mas-sidien tagħhom minn pajjiżi terzi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li l-annimali miżmuma u mrobbija f'konformità mar-rekwiżiti tal-benesseri stabbiliti f'dan ir-regolament biss jidħlu fis-suq tal-Unjoni minn pajjiżi terzi, jeħtieġ ukoll li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u l-qtates li jiġu importati fl-Unjoni minn pajjiżi terzi għal skopijiet mhux kummerċjali (vjaġġar), iżda li jkollhom sid ġdid wara l-importazzjoni.

Emenda 800
Katarína Roth Neveďalová, Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. In-nissiela rurali jistgħu jużaw metodi alternattivi ta' reġistrazzjoni, bħal dokumentazzjoni bbażata fuq il-karta jew reġistrazzjoni f'bażijiet ta' data agrikoli lokali, bid-data tiġi ttrasferita fis-sistemi nazzjonali perjodikament, u b'hekk tiġi żgurata l-flessibbiltà filwaqt li tinżamm it-traċċabbiltà.

Or. en

Emenda 801
Katarína Roth Neveďalová, Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-klieb u l-qtates kollha jeħtiġilhom ikollhom mikroċippa u jkunu rreġistrati f'bażi tad-data nazzjonali fi żmien 12-il ġimgħa mit-twelid jew qabel kwalunkwe bejgħ, trasferiment jew donazzjoni. It-tqegħid tal-mikroċippa jrid isir minn veterinarju liċenzjat jew minn professjonist iċċertifikat.

Or. en

Emenda 802
Katarína Roth Neveďalová, Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. L-Istati Membri għandhom

	jiżguraw programmi obbligatorji ta' tilqim għall-mard ewlieni, inkluż ir-rabja, biex jipproteġu s-saħħa pubblika u l-benesseri tal-annimali. Ir-rekords tat-tilqim iridu jkunu marbuta mar-reġistrazzjoni tal-annimal fil-bażi tad-data nazzjonali.

Or. en

Emenda 803
Katarína Roth Neveďalová, Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażijiet tad-data tagħhom kif imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu interoperabbli mal-istess bażijiet tad-data ta' Stati Membri oħrajn sabiex l-identifikazzjoni ta' kelb jew qattus tkun tista' tiġi awtentikata u ttraċċata fl-Unjoni kollha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 804
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [***5*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażijiet tad-data tagħhom kif imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu interoperabbli mal-istess bażijiet tad-data ta' Stati Membri oħrajn sabiex l-identifikazzjoni ***ta' kelb jew qattus*** tkun tista' tiġi awtentikata u ttraċċata fl-	2. Minn [***3*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażijiet tad-data tagħhom kif imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu interoperabbli mal-istess bażijiet tad-data ta' Stati Membri oħrajn sabiex l-identifikazzjoni ***tal-klieb u l-qtates kollha*** tkun tista' tiġi awtentikata u

Unjoni kollha.	ttraċċata fl-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 805
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [***5*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażijiet tad-data tagħhom kif imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu interoperabbli mal-istess bażijiet tad-data ta' Stati Membri oħrajn sabiex l-identifikazzjoni ta' kelb jew qattus tkun tista' tiġi awtentikata u ttraċċata fl-Unjoni kollha.	2. Minn [***3*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażijiet tad-data tagħhom kif imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu interoperabbli mal-istess bażijiet tad-data ta' Stati Membri oħrajn sabiex l-identifikazzjoni ta' kelb jew qattus tkun tista' tiġi awtentikata u ttraċċata fl-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 806
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data tal-indiċi li jkun fiha n-numri ta' identifikazzjoni tal-mikroċipep tal-klieb u l-qtates u r-referenza għall-bażijiet tad-data nazzjonali fejn jinħażnu d-dettalji tal-identifikazzjoni, mingħajr ma tiġi aċċessata data personali. Il-Kummissjoni tista' tafda l-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operat ta' din il-bażi tad-data tal-indiċi lil entità indipendenti, wara proċess ta' għażla pubblika, skont id-dispożizzjonijiet

rilevanti tat-Titolu VII tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Or. en

Emenda 807
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha toħloq u żżomm bażi tad-data tal-indiċi li jkun fiha n-numri ta' identifikazzjoni tal-mikroċipep tal-klieb u l-qtates u li tkun konnessa mal-bażijiet tad-data nazzjonali li fihom tinħażen l-informazzjoni li tikkonċerna l-annimali, mingħajr ma tiġi aċċessata data personali.

Or. ro

Emenda 808
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen, Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sa [id-data tal-applikazzjoni], il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi rekwiżiti fuq il-bażijiet tad-data kif imsemmi fil-paragrafu 1 dwar:	***imħassar***
(a) il-kontenut tagħhom;	
(b) l-interoperabbiltà tagħhom bejn l-Istati Membri;	
(c) il-funzjonalità tagħhom biex jipprovdu prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' kelb jew qattus, kif	

imsemmi fl-Artikolu 17(3), il-punt (a).

(d) ir-reġistru fejn l-Istati Membri jiddikjaraw il-bażijiet tad-data tagħhom, u l-parametri meħtieġa biex dawk il-bażijiet tad-data jiġu konnessi ma' xulxin skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b);

(e) l-aċċess li għandu jingħata għas-sistema msemmija fl-Artikolu 17(6) għall-fini li tiġi kkonfermata l-awtenticità tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates;

(f) id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/1725 u r-Regolament (UE) 2016/679.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 809
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-interoperabbiltà tagħhom bejn l-Istati Membri;	(b) l-interoperabbiltà tagħhom bejn l-Istati Membri ***u l-Bażi tad-data tal-indiċi***;

Or. en

Emenda 810
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(fa) L-interkonnessjoni bejn il-bażijiet tad-data tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 u kwalunkwe bażi tad-data rilevanti oħra, inkluża s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC).

Or. en

Emenda 811
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Nicolae Ştefănuță

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jistabbilixxu u jżommu bażi tad-data aċċessibbli għall-pubbliku tas-santwarji tal-annimali madwar l-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fl-aderenza mar-regolamentazzjoni dwar il-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 812
Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 19a
	Ġestjoni ta' Annimali li Jgħixu fit-Triq
	L-Istati Membri għandhom jimplimentaw programmi għall-ġestjoni tal-annimali li jgħixu fit-tirq li jinkludu:

- Il-qbid, l-identifikazzjoni u t-tilqim obbligatorji tal-klieb li jgħixu fit-triq;

- Ir-reġistrazzjoni tal-annimali li jgħixu fit-triq f'bażi ta' data nazzjonali;

L-awtoritajiet lokali għandhom ikunu responsabbli għall-koordinazzjoni tal-qbid u r-reġistrazzjoni ta' annimali li jgħixu fit-triq, b'appoġġ finanzjarju mill-programmi nazzjonali. Il-programmi ta' sterilizzazzjoni għall-annimali li jgħixu fit-triq għandhom jiġu mħeġġa biex il-popolazzjoni tiġi kkontrollata b'mod sostenibbli.

Or. en

Emenda 813
Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 20	***imħassar***
Ġbir ta' data dwar il-benesseri u r-rapportar tal-annimali	
1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru, janalizzaw u jippubblikaw id-data stabbilita fl-Anness III:	
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu u jittrażmettu lill-Kummissjoni rapport, f'forma li tista' tinqara minn magna, dwar id-data msemmija fil-paragrafu 1, sal-31 ta' Awwissu kull 3 snin minn [6 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], li jiġbor fil-qosor id-data miġbura fis-sena preċedenti.	
3. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodoloġija armonizzata għall-ġbir tad-data msemmija fil-paragrafu 1 u tistabbilixxi l-mudell għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta'	

implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 814
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 20	***imħassar***
Ġbir ta' data dwar il-benesseri u r-rapportar tal-annimali	
1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru, janalizzaw u jippubblikaw id-data stabbilita fl-Anness III:	
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu u jittrażmettu lill-Kummissjoni rapport, f'forma li tista' tinqara minn magna, dwar id-data msemmija fil-paragrafu 1, sal-31 ta' Awwissu kull 3 snin minn [6 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], li jiġbor fil-qosor id-data miġbura fis-sena preċedenti.	
3. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodoloġija armonizzata għall-ġbir tad-data msemmija fil-paragrafu 1 u tistabbilixxi l-mudell għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.	

Or. en

Emenda 815
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu u jittrażmettu lill-Kummissjoni rapport, f'forma li tista' tinqara minn magna, dwar id-data msemmija fil-paragrafu 1, sal-31 ta' Awwissu kull 3 snin minn [***6*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], li jiġbor fil-qosor id-data miġbura fis-sena preċedenti.	2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu u jittrażmettu lill-Kummissjoni rapport, f'forma li tista' tinqara minn magna, dwar id-data msemmija fil-paragrafu 1, sal-31 ta' Awwissu kull 3 snin minn [***3*** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], li jiġbor fil-qosor id-data miġbura fis-sena preċedenti.

Or. en

Emenda 816
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni ***tista'***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodoloġija armonizzata għall-ġbir tad-data msemmija fil-paragrafu 1 u tistabbilixxi l-mudell għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.	3. Il-Kummissjoni ***għandha***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodoloġija armonizzata għall-ġbir tad-data msemmija fil-paragrafu 1 u tistabbilixxi l-mudell għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 817
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20a

Kampanji ta' informazzjoni nazzjonali li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni u l-protezzjoni tal-annimali li jgħixu fit-triq

(1) L-Istati Membri huma mħeġġa, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, iniedu u jimplimentaw kampanji ta' informazzjoni nazzjonali li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-ħarsien u l-benesseri tal-klieb u l-qtates. Dawn il-kampanji għandu jkollhom fil-mira tagħhom kemm is-sidien tal-annimali kif ukoll il-pubbliku ġenerali sabiex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-obbligi legali u l-prattiki tajba fir-rigward tal-kura tal-annimali.

(2) Il-kampanji ta' informazzjoni jistgħu jsiru mill-awtoritajiet kompetenti f'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-protezzjoni tal-annimali, il-veterinarji u entitajiet rilevanti oħra. L-informazzjoni pprovduta trid tinkludi:

a) L-obbligi legali tas-sidien tal-annimali domestiċi;

b) Ir-responsabbiltajiet u l-azzjonijiet tal-awtoritajiet lokali fl-immaniġġjar tal-annimali li jgħixu fit-triq, u azzjonijiet biex jiġi pprevenut l-abbandun;

c) Il-passi rakkomandati li għandhom jittieħdu jekk persuna ssib annimal mitluf jew abbandunat, inkluż li tikkuntattja lis-servizzi veterinarji, is-santwarji tal-annimali jew il-pulizija lokali;

d) L-importanza ta' adozzjoni u tiswija responsabbli biex titnaqqas il-popolazzjoni ta' annimali li jgħixu fit-toroq.

(3) L-Istati Membri jistgħu jipprovdu finanzjament nazzjonali jew reġjonali għal dawn il-kampanji u jistgħu jħeġġu lill-media tal-massa u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni jipparteċipaw bil-għan li jkun hemm tixrid aħjar tal-informazzjoni.

(4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħeġġeġ il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri.

Emenda 818
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Miżuri maħsuba biex jiġi pprevenut l-abbandun u biex tiġi promossa t-tiswija tal-klieb u l-qtates
	(1) L-Istati Membri huma mħeġġa, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, jadottaw miżuri konkreti biex jipprevjenu l-abbandun tal-klieb u l-qtates, inkluż billi jedukaw lill-pubbliku, jagħmlu lis-sidien responsabbli u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni eżistenti b'mod effettiv.
	(2) Biex jitnaqqas l-għadd ta' annimali li jgħixu fit-triq, l-Istati Membri huma mħeġġa jidentifikaw u jużaw sorsi ta' finanzjament nazzjonali u privati għal:
	a) Kampanji ta' tiswija bla ħlas jew issussidjata għall-klieb u l-qtates li jgħixu fit-triq ta' persuni b'introjtu baxx jew tal-organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-annimali;
	b) Programmi biex jiġu rreġistrati u identifikati l-annimali domestiċi, inkluż bil-mikroċipep, biex jiġu ffaċilitati l-adozzjoni u r-ritorn tal-annimali mitlufa lis-sidien u biex jiġi pprevenut l-abbandun;
	c) Azzjonijiet li jqajmu sensibilizzazzjoni u jedukaw lill-pubbliku fir-rigward tar-responsabbiltà li jkun sid ta' annimal domestiku u l-effetti avversi tal-abbandun fuq il-benesseri tal-annimali u l-komunità.
	(3) L-Istati Membri jistgħu jaħdmu

flimkien mal-organizzazzjonijiet nongovernattivi, mal-kliniċi veterinarji u mal-awtoritajiet lokali biex jimplimentaw dawn il-miżuri u jiffaċilitaw l-aċċess pubbliku għall-programmi ta' tiswija u identifikazzjoni.

Or. ro

Emenda 819
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-klieb u l-qtates jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni jekk ikunu nżammu f'konformità ma' xi wieħed minn dawn li ġejjin:	1. Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-klieb jew il-qtates jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni jekk ikunu ***tnisslu u*** nżammu f'konformità ma' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 820
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [***5 snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-klieb u l-qtates jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss ***għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni*** jekk ikunu nżammu f'konformità ma' xi wieħed minn dawn li ġejjin:	1. Minn [***sentejn*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-klieb jew il-qtates jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu ***tnisslu u*** nżammu f'konformità ma' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 821
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fejn applikabbli, ir-rekwiżiti li jinsabu fi ftehim speċifiku bejn l-Unjoni u l-pajjiż esportatur.	***imħassar***

Or. en

Emenda 822
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [***5 snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-klieb u l-qtates jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss ***għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment*** dment li jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju u stabbiliment elenkat f'konformità mal-Artikoli 126 u 127 tar-Regolament (UE) 2017/625.	2. Minn [***sentejn*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-klieb u l-qtates jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss dment li jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju u stabbiliment elenkat f'konformità mal-Artikoli 126 u 127 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 823
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + ***5 snin***], iċ-ċertifikat uffiċjali li jakkumpanja l-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi u territorji	3. Minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + ***sentejn***], iċ-ċertifikat uffiċjali li jakkumpanja l-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi u territorji

terzi għandu jkun fih attestazzjoni li tiċċertifika l-konformità mal-paragrafi 1 u li tikkonferma li l-klieb u l-qtates joriġinaw minn stabbiliment elenkat f'konformità mal-paragrafu 2.

terzi għandu jkun fih attestazzjoni li tiċċertifika l-konformità mal-paragrafi 1 u li tikkonferma li l-klieb u l-qtates joriġinaw minn stabbiliment elenkat f'konformità mal-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 824
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 u l-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2020/692[11], il-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni għandhom jiġu identifikati b'mikroċippa kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) u li tippermetti t-traċċabbiltà.	Il-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni għandhom jiġu identifikati ***qabel ma jidħlu minn veterinarju*** b'mikroċippa kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) u li tippermetti t-traċċabbiltà.

[11] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379.

Or. en

Emenda 825
Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 u l-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2020/692, il-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni għandhom jiġu identifikati b'mikroċippa kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) u li tippermetti t-traċċabbiltà.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 u l-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2020/692, il-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni għandhom jiġu identifikati b'mikroċippa ***jew b'tatwaġġ*** kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) u li tippermetti t-traċċabbiltà.
[11] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379.	[11] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379.

Or. fr

Emenda 826
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li l-klieb jew il-qtates li jidħlu fl-Unjoni jkunu għadhom ma humiex irreġistrati f'bażi tad-data ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 19(1), ***ladarba jaslu fil-post tad-destinazzjoni tagħhom***, is-sid jew il-persuna responsabbli għall-annimal għandha ***tiżgura r-reġistrazzjoni tiegħu f'wieħed mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fi żmien 48 siegħa mill-wasla***.	F'każ li l-klieb jew il-qtates li jidħlu fl-Unjoni jkunu għadhom ma humiex irreġistrati f'bażi tad-data ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 19(1), ***dawn għandhom jiġu rreġistrati fil-bażi tad-data tal-Istat Membru tad-dħul mingħajr dewmien minn veterinarju jew il-persuna responsabbli għall-verifiki veterinarji fil-fruntiera tal-Unjoni. Ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem is-sid jew il-persuna responsabbli għall-kelb jew il-qattus. Barra minn hekk, din għandha tirreġistra l-istabbiliment tal-oriġini elenkat f'konformità mal-paragrafu 2. Wara r-reġistrazzjoni***, is-sid jew il-persuna

responsabbli għall-annimal għandha ***titlob passaport diġitali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi traċċat b'mod effettiv il-kummerċ illegali ta' klieb u qtates minn pajjiżi terzi huwa importanti li l-klieb u l-qtates kollha jkunu jistgħu jiġu traċċati mill-mument li jidħlu fl-Unjoni. Peress li l-veterinarji għandhom diġà jkunu preżenti fil-fruntiera, ir-reġistrazzjoni tista' ssir minnhom jew minn persuna ddelegata taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv billi tevita l-istabbiliment ta' "bażi tad-data tal-Unjoni għall-persuni li jivvjaġġaw b'annimali tad-dar."

Emenda 827
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li l-klieb jew il-qtates li jidħlu fl-Unjoni jkunu għadhom ma humiex irreġistrati f'bażi tad-data ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 19(1), ***ladarba jaslu fil-post tad-destinazzjoni tagħhom,*** is-sid jew il-persuna responsabbli ***għall-annimal*** għandha ***tiżgura r-reġistrazzjoni tiegħu f'wieħed mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fi żmien 48 siegħa mill-wasla***.	F'każ li l-klieb jew il-qtates li jidħlu fl-Unjoni jkunu għadhom ma humiex irreġistrati f'bażi tad-data ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 19(1), ***dawn għandhom jiġu rreġistrati fil-bażi tad-data tal-Istat Membru tad-dħul mingħajr dewmien minn veterinarju jew il-persuna responsabbli għall-verifiki veterinarji fil-fruntiera tal-Unjoni. Ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem*** is-sid jew il-persuna responsabbli ***għall-kelb jew il-qattus. Barra minn hekk, din*** għandha ***tirreġistra l-istabbiliment tal-oriġini elenkat f'konformità mal-paragrafu 2***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi traċċat b'mod effettiv il-kummerċ illegali ta' klieb u qtates minn pajjiżi terzi, li jseħħ bil-pretest ta' moviment mhux kummerċjali, huwa importanti li l-klieb u l-qtates kollha jkunu jistgħu jiġu traċċati mill-mument li jidħlu fl-Unjoni. Peress li l-veterinarji għandhom diġà jkunu preżenti fil-fruntiera, ir-reġistrazzjoni tista' ssir minnhom jew minn persuna ddelegata taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv billi tevita l-istabbiliment ta' "bażi tad-data tal-Unjoni għall-persuni li

jivvjaġġaw b'annimali tad-dar."

Emenda 828
Vilis Krištopans, Raffaele Stancanelli, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li l-klieb jew il-qtates li jidħlu fl-Unjoni jkunu għadhom ma humiex irreġistrati f'bażi tad-data ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 19(1), ladarba jaslu fil-post tad-destinazzjoni tagħhom, issid jew il-persuna responsabbli għall-annimal għandha tiżgura r-reġistrazzjoni tiegħu f'wieħed mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fi żmien ***48 siegħa*** mill-wasla.	F'każ li l-klieb jew il-qtates li jidħlu fl-Unjoni jkunu għadhom ma humiex irreġistrati f'bażi tad-data ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 19(1), ladarba jaslu fil-post tad-destinazzjoni tagħhom, issid jew il-persuna responsabbli għall-annimal għandha tiżgura r-reġistrazzjoni tiegħu f'wieħed mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fi żmien ***jumejn ta' xogħol*** mill-wasla.

Or. en

Emenda 829
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li l-klieb jew il-qtates li jidħlu fl-Unjoni jkunu għadhom ma humiex irreġistrati f'bażi tad-data ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 19(1), ladarba jaslu fil-post tad-destinazzjoni tagħhom, issid jew il-persuna responsabbli għall-annimal għandha tiżgura r-reġistrazzjoni tiegħu f'wieħed mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fi żmien ***48*** siegħa mill-wasla.	F'każ li l-klieb jew il-qtates li jidħlu fl-Unjoni jkunu għadhom ma humiex irreġistrati f'bażi tad-data ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 19(1), ladarba jaslu fil-post tad-destinazzjoni tagħhom, issid jew il-persuna responsabbli għall-annimal għandha tiżgura r-reġistrazzjoni tiegħu f'wieħed mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fi żmien ***72*** siegħa mill-wasla.

Or. fr

Emenda 830
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Protezzjoni tad-data
	1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikunu kontrolluri skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali miġbura skont l-Artikolu 7, l-Artikolu 16 u l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 21(4), it-tieni subparagrafu ta' dan ir-Regolament.
	Il-Kummissjoni għandha tkun kontrollur skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali miġbura skont l-Artikolu 17(6) ta' dan ir-Regolament.
	Għandu jkun ipprojbit għal kwalunkwe persuna li jkollha aċċess għad-data personali msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi li tiżvela kwalunkwe data personali, li l-għarfien tagħha jkun inkiseb fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħha jew b'xi mod ieħor inċidentalment għal tali eżerċizzju. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jindirizzaw il-ksur ta' dik il-projbizzjoni.
	Id-data personali miġbura skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhiex tintuża għal skopijiet oħra għajr il-kontroll uffiċjali tal-konformità mar-rekwiżiti tal-benesseri u tat-traċċabbiltà skont dan ir-Regolament u l-identifikazzjoni ta' prattiki frodulenti bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' miżuri ta' kontroll.
	2. Id-data personali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinżamm għall-perjodi li ġejjin:

(a) fil-każ tal-Artikolu 7 u l-Artikolu 16, 10 snin wara d-data tal-waqfien tal-attività tal-istabbiliment;

(b) fil-każ tal-Artikolu 19(1), 25 sena wara l-ewwel reġistrazzjoni tal-kelb jew tal-qattus fil-bażi tad-data msemmija f'dak l-Artikolu jew 5 snin wara r-reġistrazzjoni tal-mewt tal-kelb jew tal-qattus f'dik il-bażi tad-data;

(c) fil-każ tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(4a), 5 snin wara d-data tan-notifika minn qabel.

Or. en

Emenda 831
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen, Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 22	***imħassar***
Emenda għall-Annessi	
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jemendaw l-Annessi ta' dan ir-Regolament biex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku, inklużi, meta rilevanti, opinjonijiet xjentifiċi tal-EFSA, u ta' impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, fir-rigward:	
(a) tal-frekwenzi tat-tmigħ u l-proċess tal-ftim;	
(b) tal-firxiet tat-temperatura;	
(c) tal-parametri tat-tidwil;	
(d) tad-disinn tal-post fejn jinżammu l-klieb u l-qtates;	
(e) tad-disinn tat-tagħmir tat-tmigħ u tat-tisqija;	
(f) tal-allokazzjoni ta' spazju għal	

kategoriji differenti ta' klieb u qtates;

(g) tal-frekwenza tat-tqaliet;

(h) tal-età minima tal-klieb u l-qtates femminili għall-bidu tat-tnissil;

(i) tas-soċjalizzazzjoni, tal-arrikkiment u ta' miżuri oħrajn biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mġiba tal-klieb u l-qtates;

(j) tar-rekwiżiti għat-transponders użati biex jiġu mmarkati l-klieb u l-qtates;

(k) tad-data li għandha tinġabar għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-politiki.

Kwalunkwe żieda fir-rekwiżiti fl-Annessi għandha tkun ibbażata fuq evidenza xjentifika jew teknika aġġornata, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet speċifiċi meħtieġa biex jiġi żgurat il-benesseri tal-klieb u l-qtates koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fejn rilevanti, dawk l-atti delegati għandhom jipprevedu perjodi ta' tranżizzjoni suffiċjenti biex jippermettu lill-operaturi affettwati jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda.

Or. en

Emenda 832
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jemendaw l-Annessi ta' dan ir-Regolament biex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku, inklużi, meta rilevanti, opinjonijiet xjentifiċi tal-EFSA, u ta' impatti soċjali, ***ekonomiċi*** u ambjentali, fir-rigward:	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jemendaw l-Annessi ta' dan ir-Regolament biex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku, inklużi, meta rilevanti, opinjonijiet xjentifiċi tal-EFSA, u ta' impatti soċjali, ***tas-saħħa*** u ambjentali, fir-rigward:

Or. en

Emenda 833
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) tal-għadd suffiċjenti ta' persuni li jieħdu ħsieb l-annimali fl-istabbilimenti;

Or. en

Emenda 834
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) tal-età minima tal-klieb u l-qtates femminili għall-bidu tat-tnissil;	(h) tal-età minima ***u massima*** tal-klieb u l-qtates femminili għat-tnissil;

Or. en

Emenda 835
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) ta' lista pożittiva ta' speċijiet eżotiċi li jistgħu jinżammu bħala annimali tal-kumpanija fl-UE;

Emenda 836
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen, Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 23	***imħassar***
Eżerċizzju tad-delegazzjoni	
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	
2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(4), fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 22 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(4), l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 22 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u	

lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 22 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 837
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates ***u fis-seħħ fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, dment li dawk ir-regoli ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. ***Qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament],*** l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.	1. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu ***jew jadottaw*** regoli nazzjonali aktar stretti mmirati ***esklużivament*** lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates ***miżmuma fl-istabbilimenti u t-traċċabbiltà tagħhom***, dment li dawk ir-regoli ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.
	l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali ***eżistenti sa [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar tali regoli nazzjonali ġodda qabel l-***

	adozzjoni tagħhom, sakemm l-Istati Membri ma jkunux nnotifikaw l-abbozz tar-regoli nazzjonali f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.

Or. en

Emenda 838
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb ***u l-qtates u fis-seħħ fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dment li dawk ir-regoli ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern***. Qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.	1. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb ***jew tal-qtates***. Qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.

Or. en

Emenda 839
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament ma għandux	1. Dan ir-Regolament ma għandux

jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates ***u fis-seħħ fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, dment li dawk ir-regoli ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. ***Qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament],*** l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.	jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu ***jew jadottaw*** regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates, dment li dawk ir-regoli ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.
	Or. en

Emenda 840
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates ***u fis-seħħ fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, dment li dawk ir-regoli ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar ***dawn*** ir-regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.	1. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu ***jew jadottaw*** regoli nazzjonali aktar stretti mmirati ***esklużivament*** lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates ***miżmuma fi stabbilimenti u għat-traċċabbiltà tagħhom***, dment li dawk ir-regoli ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar ir-regoli nazzjonali ***eżistenti***. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.
	Or. en

Emenda 841

Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates u ***fis-seħħ fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, dment li dawk ir-regoli ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.	1. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu ***jew jintroduċu*** regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates u ***t-traċċabbiltà tagħhom***, dment li dawk ir-regoli ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.

Or. en

Emenda 842
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri nazzjonali aktar stretti mmirati biex jiżguraw protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti fit-territorju ta' Stat Membru dwar il-kwistjonijiet dwar il-benesseri tal-annimali li ġejjin:* ***(a) il-kundizzjonijiet tal-abitazzjoni; ***(b) il-mutilazzjonijiet;*** ***(c) l-arrikkiment;*** ***(d) il-programmi tal-għażla u tat-tnissil,***	***imħassar***

inkluża l-età minima u massima għat-tnissil.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali qabel l-adozzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.

Or. en

Emenda 843
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri nazzjonali aktar stretti mmirati biex jiżguraw protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti fit-territorju ta' Stat Membru dwar ***il-kwistjonijiet*** dwar il-benesseri tal-annimali li ġejjin:	Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri nazzjonali aktar stretti mmirati biex jiżguraw protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti fit-territorju ta' Stat Membru dwar ***kwalunkwe kwistjoni relatata mal-benesseri tal-annimali, inklużi l-kwistjonijiet*** dwar il-benesseri tal-annimali li ġejjin:

Or. en

Emenda 844
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri nazzjonali aktar stretti mmirati biex jiżguraw protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti fit-territorju ta' Stat Membru	Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri nazzjonali aktar stretti mmirati biex jiżguraw protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti fit-territorju ta' Stat Membru**,**

dwar il-kwistjonijiet dwar il-benesseri tal-annimali li ġejjin:	***inkluż*** dwar il-kwistjonijiet dwar il-benesseri tal-annimali li ġejjin:

Or. en

Emenda 845
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu permessi biss dment li ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.	***imħassar***

Or. en

Emenda 846
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu permessi biss dment li ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.	***imħassar***

Or. en

Emenda 847
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq fit-territorju tagħhom ta' klieb u qtates miżmuma fi Stat Membru ieħor minħabba li l-klieb u l-qtates ikkonċernati ma jkunux inżammu f'konformità mar-regoli nazzjonali aktar stretti tagħhom dwar il-benesseri tal-annimali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 848
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ma ***għandhomx jipprojbixxu*** jew ***jimpedixxu*** t-tqegħid fis-suq fit-territorju tagħhom ta' klieb u qtates miżmuma fi Stat Membru ieħor minħabba li l-klieb u l-qtates ikkonċernati ma jkunux inżammu f'konformità mar-regoli nazzjonali aktar stretti tagħhom dwar il-benesseri tal-annimali.	4. ***L-Istat Membru li għandu regoli nazzjonali aktar stretti msemmija fil-paragrafu 1*** ma ***għandux jipprojbixxi*** jew ***jimpedixxi*** t-tqegħid fis-suq fit-territorju tiegħu ta' klieb u qtates miżmuma fi Stat Membru ieħor minħabba li l-klieb u l-qtates ikkonċernati ma jkunux inżammu f'konformità mar-regoli nazzjonali aktar stretti tagħhom dwar il-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 849
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 26	***imħassar***
Rapportar u evalwazzjoni	

1. Abbażi tar-rapporti riċevuti f'konformità mal-Artikolu 20 u informazzjoni rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni għandha tippubblika, sa [7 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u minn dakinhar kull 5 snin, rapport ta' monitoraġġ dwar il-benesseri tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq fl-Unjoni.

2. Sa [15-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta' età massima possibbli għat-tnissil ta' klieb u qtates, u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

3. Għall-finijiet tar-rapportar imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dawk ir-rapporti.

Or. en

Emenda 850
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Abbażi tar-rapporti riċevuti f'konformità mal-Artikolu 20 u informazzjoni rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni għandha tippubblika, sa [7 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u minn dakinhar kull ***5*** snin, rapport ta' monitoraġġ dwar il-benesseri tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq fl-Unjoni.	1. Abbażi tar-rapporti riċevuti f'konformità mal-Artikolu 20 u informazzjoni rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni għandha tippubblika, sa [7 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u minn dakinhar kull ***3*** snin, rapport ta' monitoraġġ dwar il-benesseri tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 851
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Abbażi tar-rapporti riċevuti f'konformità mal-Artikolu 20 u informazzjoni rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni għandha tippubblika, sa [***7*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u minn dakinhar kull ***5*** snin, rapport ta' monitoraġġ dwar il-benesseri tal-klieb u tal-qtates ***imqiegħda fis-suq*** fl-Unjoni.	1. Abbażi tar-rapporti riċevuti f'konformità mal-Artikolu 20 u informazzjoni rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni għandha tippubblika, sa [***3*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u minn dakinhar kull ***3*** snin, rapport ta' monitoraġġ dwar il-benesseri tal-klieb u tal-qtates fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 852
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [***15-il sena*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta' età massima possibbli għat-tnissil ta' klieb u qtates, u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.	2. Sa [***5 snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta' età massima possibbli għat-tnissil ta' klieb u qtates, ***valutazzjoni ta' estensjoni possibbli tal-protezzjonijiet ta' dan ir-Regolament għal annimali tal-kumpanija li hemm ħafna sidien tagħhom għajr klieb u qtates, kif ukoll dawk elenkati f'lista ta' speċijiet tal-annimali permessi li jinżammu u jitqiegħdu fis-suq,*** u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-

Kumitat tar-Reġjuni.

Or. en

Emenda 853
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [***15-il sena*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta' età massima possibbli għat-tnissil ta' klieb u qtates, u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.	2. Sa [***10 snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta' età massima possibbli għat-tnissil ta' klieb u qtates, u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Or. en

Emenda 854
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [***15-il sena*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta' età massima possibbli għat-tnissil ta' klieb u qtates, u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.	2. Sa [***10 snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta' età massima possibbli għat-tnissil ta' klieb u qtates, u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Or. en

Emenda 855
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt ta' Regolament possibbli li jistabbilixxi lista ta' speċijiet ta' annimali li jistgħu jinżammu u jitqiegħdu fis-suq, fejn valutazzjoni tal-impatt preċedenti tkun uriet il-valur miżjud u l-fattibbiltà tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni bħalissa qed twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar il-ħtieġa, il-valur miżjud u l-fattibbiltà ta' lista pożittiva madwar l-UE għall-annimali miżmuma bħala annimali tad-dar ibbażata fuq ix-xjenza. Bl-istabbiliment ta' tali lista, ikun hemm regolazzjoni aħjar tas-sjieda ta' speċijiet eżotiċi u jiġi żgurat li l-ispeċijiet adattati għall-kura privata biss jinżammu bħala annimali tal-kumpanija.

Emenda 856
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Sa ... mhux aktar tard minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista ta' speċijiet ta' annimali li jistgħu jinżammu u jitqiegħdu fis-suq, fejn valutazzjoni tal-impatt preċedenti tkun uriet il-valur miżjud u l-fattibbiltà tagħha

Or. en

Emenda 857
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Sa ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista ta' speċijiet ta' annimali li jistgħu jinżammu u jitqiegħdu fis-suq.

Or. en

Emenda 858
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jistgħu jkunu akkumpanjati, meta jkun xieraq, minn proposta sabiex jiġi emendat dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 859
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 26a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 26a
	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta regoli dwar dan li ġej għall-

annimali msemmija fl-Artikolu 26:

- Prinċipji tal-benesseri,

- Rekwiżiti ta' notifika,

- Obbligi ta' sjieda responsabbli,

- Kompetenza ta' persuni li jieħdu ħsieb l-annimali,

- Rekwiżiti tat-tmigħ u t-tisqija,

- Abitazzjoni,

- Rekwiżiti dwar is-saħħa,

- Ħtiġijiet ta' mġiba,

- Prattiki li jikkawżaw l-uġigħ,

- Stabbiliment ta' bażijiet tad-data

Or. en

Emenda 860
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 27	***imħassar***
Sanzjonijiet	
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.	
L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.	

Or. en

Emenda 861
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Il-penali għandhom mill-inqas ikunu jikkonsistu f'multi varjabbli ta' natura kriminali jew mhux kriminali, proporzjonati għall-benefiċċji finanzjarji (maħsuba li) jinkisbu billi jitwettaq ir-reat u għoljin biżżejjed biex ikollhom effett ta' deterrent, u projbizzjoni tul il-ħajja fuq li wieħed jaħdem ma' annimali u jkollu fil-pussess tiegħu annimali li għandha tiġi applikata f'każijiet ta' ksur serju jew ripetut tar-rekwiżiti f'dan ir-Regolament;***

Or. en

Emenda 862
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament***, kif ukoll dawk li jirriżultaw minn abbandun ta' annimali domestiċi*** u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Or. es

Emenda 863
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 27a
	Appoġġ finanzjarju
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu linji gwida biex jippermettu s-simplifikazzjoni tar-riżorsi rkuprati mill-ksur ta' dan ir-Regolament ħalli jiġu appoġġati u koperti l-ispejjeż amministrattivi u operazzjonali tas-santwarji u tal-organizzazzjonijiet responsabbli għall-ġestjoni ta' popolazzjonijiet ta' qtates jew klieb li jgħixu fit-triq.

Or. en

Emenda 864
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika minn [***sentejn*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.	Għandu japplika minn [***sena*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 865
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 28a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 28a
	Ksur serju
	Il-ksur tad-dispożizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament għandu jitqies bħala serju meta jitwettaq deliberatament jew b'negliġenza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mar-Regolament u minħabba r-rata għolja ta' nuqqas ta' konformità fis-settur tat-tnissil tal-annimali tal-kumpanija, l-UE trid tirrikjedi lill-Istati Membri jadottaw penali adegwati f'każ ta' ksur. Tali dispożizzjonijiet huma konsistenti mal-kompetenza estiża tal-UE fil-liġi kriminali mill-adozzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE fl-2007.

Emenda 866
Vilis Krištopans, Rafatele Stecanelli, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 1.1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-qtates u l-klieb ***adulti*** għandhom jintemgħu darbtejn kuljum;	(a) il-qtates u l-klieb għandhom jintemgħu ***mill-inqas*** darbtejn kuljum;

Or. en

Emenda 867
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) 10 sa 26 C fiż-żoni fuq ġewwa fejn	***imħassar***

jinżammu l-klieb adulti;

Or. ro

Emenda 868
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) 15 sa 26 °C fiż-żoni fuq ġewwa fejn jinżammu l-qtates adulti;	***imħassar***

Or. ro

Emenda 869
Valérie Deloge, Vilis Krištopans, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***15*** sa 26 °C fiż-żoni fuq ġewwa fejn jinżammu l-qtates adulti;	(b) ***10*** sa 26 °C fiż-żoni fuq ġewwa fejn jinżammu l-qtates adulti;

Or. fr

Emenda 870
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-meded tat-temperatura għandhom jiġu adattati kif xieraq ***għall-annimali*** ta' razza/tip brakiċefaliċi u għall-annimali b'tipi ta' fer estremi (razez mingħajr fer jew b'fer tqil).	***Minkejja l-meded tat-temperatura elenkati hawn fuq,*** il-meded tat-temperatura għandhom jiġu adattati kif xieraq ***biex ikopru:***

- Annimali ta’ razza/tip brakiċefaliċi u għall-annimali b’tipi ta’ fer estremi (razez mingħajr fer jew b’fer tqil).

- Kundizzjonijiet klimatiċi estremi - f’dawn il-każijiet għandhom jiġu stabbiliti miżuri ta’ mitigazzjoni.

Or. en

Emenda 871
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.2.1. ***Meta jkun applikabbli, it-tidwil artifiċjali għandu jiġi pprovdut għal perjodu li jkun*** mill-inqas ***ekwivalenti għall-perjodu ta’ dawl naturali li normalment ikun disponibbli bejn d-9 ta’ filgħodu u l-5 ta’ waranofsinhar.***	2.2.1. ***Il-klieb u l-qtates għandhom ikunu esposti għad-dawl għal*** mill-inqas ***8 sigħat kuljum***.

Or. ro

Emenda 872
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.2.3. L-illuminament għandu jkun mill-inqas 50 lux fl-għoli ta’ ras l-annimal.	***imħassar***

Or. ro

Emenda 873
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.2.4. L-annimali għandu jkollhom ***il-possibbiltà li joqogħdu fid-dlam*** għal mill-inqas 8 sigħat kuljum.	2.2.4. L-annimali għandu jkollhom ***l-opportunità li ma jkollhomx dawl artifiċjali*** għal mill-inqas 8 sigħat kuljum.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Li jkun hemm 8 sigħat ta' dlam kuljum matul ix-xhur tas-sajf fil-pajjiżi Nordiċi tista' tkun ta' sfida, b'mod partikolari f'reġjuni fejn ix-xemx ma tinżilx.

Emenda 874
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2.2 a. Il-klieb għandu jkollhom aċċess għal żona fuq barra għal mill-inqas siegħa kuljum b'kollox, jew għandhom jittieħdu għal mixja kuljum biex ikunu jistgħu jagħmlu eżerċizzju, jesploraw u jissoċjalizzaw

Or. en

Emenda 875
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.3 – punt 2.3.1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2.3.1a) Dan l-ispazju minimu disponibbli jista' jiġi adattat fil-każ ta' klieb tal-kaċċa li huma mdorrijin jgħixu fi grupp.

Or. fr

Emenda 876
Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.3 – punt 2.3.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.3.3. Jekk il-kompartimenti fil-magħluq ikunu okkupati minn iktar minn kelb jew qattus wieħed, l-operaturi jridu jiżguraw, billi jieħdu miżuri speċifiċi (eż. pannelli ta' separazzjoni), li dawn l-annimali ma jkunux ta' theddida għal xulxin minħabba mġiba aggressiva.	2.3.3. Jekk il-kompartimenti fil-magħluq ikunu okkupati minn iktar minn kelb jew qattus wieħed, l-operaturi jridu jiżguraw, billi jieħdu miżuri speċifiċi (eż. pannelli ta' separazzjoni), li dawn l-annimali ma jkunux ta' theddida għal xulxin minħabba mġiba aggressiva***, ħlief jekk ikun magħruf li l-annimali inkwistjoni jaqblu bejniethom***.

Or. fr

Emenda 877
Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt 3.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.1. Il-qtates femminili għandhom jintużaw għat-tnissil biss jekk ikunu għalqu mill-inqas ***12-il xahar***;	3.1. Il-qtates femminili għandhom jintużaw għat-tnissil biss jekk ikunu għalqu mill-inqas ***10 xhur***;

Or. en

Emenda 878
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt 3.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.2. Il-klieb femminili għandhom jintużaw għat-tnissil biss jekk ikunu għalqu mill-inqas 18-il xahar;	3.2. Il-klieb femminili għandhom jintużaw għat-tnissil biss jekk ikunu għalqu mill-inqas 18-il xahar ***u wara t-tieni estrus tagħhom***;

Or. en

Emenda 879
Valérie Deloge, Vilis Krištopans, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt 3.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.2. Il-klieb femminili għandhom jintużaw għat-tnissil biss jekk ikunu għalqu mill-inqas ***18-il*** xahar;	3.2. Il-klieb femminili għandhom jintużaw għat-tnissil biss jekk ikunu għalqu mill-inqas ***15-il*** xahar;

Or. fr

Emenda 880
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt 3.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.3. L-operaturi għandhom jippermettu li kull kelba jkollha sa tliet ġriewi u kull qattusa jkollha sa tliet frieħ fi żmien ***sentejn***.	3.3. L-operaturi għandhom jippermettu li kull kelba jkollha sa tliet ġriewi u kull qattusa jkollha sa tliet frieħ fi żmien ***3 snin***.

Or. fr

Emenda 881
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt 3.4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.4. Wara li l-klieb u l-qtates ikollhom tliet tqaliet konsekuttivi li jwasslu għal ġriewi u għal frieħ fi żmien ***sentejn***, l-operaturi għandhom jiżguraw perjodu ta' rkupru billi għal perjodu ta' mill-inqas ***sena*** jipprevjenu li l-klieb u l-qtates femminili jittaqqlu.	3.4. Wara li l-klieb u l-qtates ikollhom tliet tqaliet konsekuttivi li jwasslu għal ġriewi u għal frieħ fi żmien ***3 snin***, l-operaturi għandhom jiżguraw perjodu ta' rkupru billi għal perjodu ta' mill-inqas ***sentejn*** jipprevjenu li l-klieb u l-qtates femminili jittaqqlu.

Or. fr

Emenda 882
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 4 – punt 4.1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fl-ewwel 15-il ġimgħa, il-ġriewi u l-frieħ tal-qtates ikollhom opportunitajiet ***regolari*** għal kuntatt soċjali ma' annimali tal-istess speċi tagħhom u mal-bnedmin, u, jekk ikun possibbli, ma' annimali oħra;	(a) fl-ewwel 15-il ġimgħa, il-ġriewi u l-frieħ tal-qtates ikollhom opportunitajiet ***ta' kuljum*** għal kuntatt soċjali ma' annimali tal-istess speċi tagħhom u mal-bnedmin, u, jekk ikun possibbli, ma' annimali oħra;

Or. en

Emenda 883
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness I – punt 4 – punt 4.1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-qtates u l-klieb adulti jitqiegħdu f'postijiet fejn jinżammu l-qtates u l-klieb, tiġi pprovduta soċjalizzazzjoni mal-bnedmin, b'mod partikolari permezz ta' żjarat ***regolari*** u kuntatt mal-annimali;	(b) meta l-qtates u l-klieb adulti jitqiegħdu f'postijiet fejn jinżammu l-qtates u l-klieb, tiġi pprovduta soċjalizzazzjoni mal-bnedmin, b'mod partikolari permezz ta' żjarat ***ta' kuljum*** u kuntatt mal-annimali;

Or. en

Emenda 884
Vilis Krištopans, Raffaele Stancanelli, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) is-sidien ta' dawk il-klieb u l-qtates li bħalissa diġà għandhom mikroċippa, li n-numru tagħhom ma jindikax il-pajjiż tal-oriġini tal-annimal, għandhom jiġu mistiedna mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jaġġornaw in-numru ta' identifikazzjoni

Or. en